Tema: Studju dettaljat fuq il-kontenut tal-priedka dwar l-Immakulata Kunċizzjoni, l-alfabett tal-predikatur, u kummenti fuqu.
1/2 85 p. 41

**TRADUZZJONIJIET**

1 Titlu: Traduzzjoni tal-*Miserere* minn De Soldanis.
Tema: Fil-*Miserere* t-traduttur ipprova jinqeda bir-rima, uża kliem semitiku ħlief waħda, ipprova jqarreb il-pronunzja tal-Malti ma' kif kienu jitkellmu fl-irħula, u għandu mnejn kien influwenzat mill-forma mexxejja ta' xi talb qadim. Għad li t-traduzzjoni ma fihiex mertu letterarju kbir, u minkejja xi nuqqasijiet, hija għandha importanza storika.
J-D 80 p. 3-8

------------------------------------------------------------------------------------------------------

CASSOLA, ALBERT M.

**ESEJS**

1 Titlu: "Il-Bniedem u l-Kotba."
Tema: Il-ktieb hu ħabib bżonjuż.
D 72 p. 113-116

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Awtonekroloġija."
Tema: Il-memorji ta' ħajja tajba u t-tgawdija fl-eternità.
D 70 p. 102-103

2 Titlu: "Bħall-għasfur tal-bejt."
Tema: Il-poeta li hu fqir bħall-għasfur tal-bejt isib il-faraġ fil-Mulej.
M 74 p. 24

3 Titlu: "Gallarija."
Tema: It-tapit u l-purtiera tarahom fil-gallarija iżda l-Madonna hija fantasija fil-moħħ.
Ġ 74 p. 63-64

4 Titlu: "Ferrovija."
Tema: Il-ferrovija li ma għadhiex tintuża f'Malta, iġġib tifkiriet tat-tfulija.
S 74 p. 73-74

5 Titlu: "Xita."
Tema: It-thewdin dwar it-tiġrib.
S 74 p. 74

6 Titlu: "Belt."
Tema: In-nostalġija tal-ħajja ħienja tar-raħal u l-kampanja f'kuntrast mal-ħajja ħażina li ssib fil-belt.
S 74 p. 75

7 Titlu: "Ħajja Ċassa."
Tema: Il-fjuri jhennu l-ħajja.
S 74 p. 75-76

8 Titlu: "Xmara Sewda."
Tema: Ix-xmara sewda ta' linka għandha tintuża biex jinżara' t-tajjeb.
S 74 p. 76

9 Titlu: "Għelieqi."
Tema: In-natura speċjalment l-għelieqi hija xhieda ta' ġmiel Alla.
Ġ 75 p. 46-48

10 Titlu: "Iż-Żgħożija."
Tema: Il-ħolma taż-żgħożija.
S 76 p. 67-68

11 Titlu: "Eskapiżmu."
Tema: F'kull età l-bniedem irid jissielet mal-ħajja, jarfa' salibu u jitlob lill Alla. Għalhekk iż-żgħożija u x-xjuħija jsibu faraġ f'xulxin.
D 76 p. 99-102

12 Titlu: "Stedina ta' Tfajjel."
Tema: Stedina ta' tfajjel lil Ġesù Bambin biex jilqgħu f'daru, jilgħab u jgħix miegħu.
M 77 p. 24-26

13 Titlu: "Omm u Tarbija."
Tema: L-hena ta' l-omm għat-twelid tat-tarbija u t-talb lil Alla biex jixħet il-barka fuqha.
S-D 79 p. 24

**TRADUZZJONIJIET**

1 Titlu: "L-Imsejkna Vjoli Tiegħi."
Tema: Poeżija ta' Giuseppe Rosella li tittratta l-mewt tal-virtù u tal-modestja fil-biki.
S 73 p. 85

2 Titlu: "Il-Ħelsien."
Tema: Poeżija ta' Giuseppe Rosella li tittratta x'inhu l-ħelsien f'din il-ħajja u x'se jkun f'dik ta' wara din.

S 73 p. 90

---

CAUCHI, CARMEL G.

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Telefonata."
Tema: Il-bniedem ma għandux ħin għal Alla.
Ġ 75 p. 60-61

2 Titlu: "Ikiddni l-Ħsieb."
Tema: Ħsieb il-mewt ikidd lill-bniedem.
Ġ 75 p. 61

---

CHETCUTI, ĠORĠ

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Lil Dr A. Cremona."
Tema: Apprezzament lejn xogħlijiet Ninu Cremona li permezz tagħhom kabbar l-isem tiegħu.
M/Ġ 72 p. 37

2 Titlu: "Żewġ Aħwa Poeti."
Tema: Żewġ aħwa ulied il-muża.
J-D 80 p. 15

---

CHETCUTI, ĠUŻÈ

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Fiż-Żmien li Jien Kont Segretarju ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti 1940-1948."
Tema: Rendikont ta' ħafna attivitajiet ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bejn is-snin erbgħin u tmienja u erbgħin, *Iż-Żieda mat-Tagħrif*, xewqat u tamiet għaż-żmien li ġej.
Sena 90 p. 12-21

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Ninu Cremona, Ħabib Li Ma Ninsa Qatt."
Tema: Tagħrif dwar il-ħajja ta' Ninu Cremona, il-ħabib li dak li għamel għall-Ilsien Malti ma jintesa qatt. Huwa miet, imma l-kittieba fid-dmir li jkomplu ħidmietu. Wieħed isib silta minn poeżija f'għeluq it-tmenin sena tiegħu.
M/Ġ 72 p. 31-32

2 Titlu: "Il-Professur Ġużè Galea Kif Nafu Jien."
Tema: Il-ħidma ta' Ġużè Galea fil-Kunsill Ċentrali, fix-Xirka Għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti, u fl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li tagħha nħatar President wara Dun Karm.
J-D 81 p. 28-31

3 Titlu: "L-Impressjonijiet Tiegħi dwar Dun Karm u l-Poeżija Tiegħu."
Tema: L-umiltà hija l-kobor ta' Dun Karm, il-ġmiel letterarju u l-qawwa espressiva huma l-għaxqa tal-poeżija tiegħu.
3/4 86 p. 59-61

4 Titlu: "Karmenu Vassallo: Ħabib Sinċier u Onest."
Tema: Il-karatteristiċi tas-sinċerità u l-onestà f'Karmenu Vassallo mil-lenti ta' sieħeb li ilu jafu 'l fuq minn ħamsin sena.
Sena 88 p. 40-41

5 Titlu: "Ninu Cremona u Kitbietu."
Tema: Tagħrif dwar Ninu Cremona u l-kitba tiegħu li taqa' taħt diversi ġeneri.
Sena 91 p. 16-21

6 Titlu: "Nekroloġija: Dun Frans Camilleri."
Tema: Tagħrif dwar il-ħajja ta' Dun Frans Camilleri li miet fis-6 ta' Diċembru 1990.
Sena 91 p. 45-46

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "*Fl-Arena* ta' Anton Buttigieg. Il-Ħames Damma ta' Poeżiji Liriċi."
Tema: Għalkemm xi poeżiji huma ispirati mill-attivitajiet soċjali u politiċi, il-poeta jżomm ruħu f'livell ogħla mill-politika biex jikteb poeżija tal-qalb li toħroġ safja mir-ruħ.
S 70 p. 89-93

2 Titlu: *Rimi Ġdid.*
Tema: Ġabra ta' poeżiji tradizzjonali u romantici li juru l-maturità u l-esperjenza bħala l-frott ta' ħajja attiva bis-sabiħ u l-ikrah tagħha.
S 70 p. 93-96

3 Titlu: *Ballati Maltin ta' Anton Buttigieg.*
Tema: Tliet Ballati. "L-Assedju l-Kbir" tagħti ġieħ lil missirijietna, "L-Għarusa tal-Mosta" tfaħħar il-ġmiel u s-safa tax-xebba Maltija, u "L-Assedju t'Għawdex" tiddeskrivi l-ġmiel tal-gżira u t-traġedja li seħħet.
D 72 p. 125-128

4 Titlu: *Mill-Pinna ta' Saydon.*
Tema: Novelli, traduzzjonijiet, kitbiet awtobijografiċi, dramm reliġjuż, poeżija djalogata u epigrammi, li juru lil Saydon bħala kittieb oriġinali u prożatur Malti bi stil sempliċi u naturali fuq iċ-ċirkostanzi tal-ħajja.
M 73 p. 29-30

5 Titlu: *Rewwixta.*
Tema: Opra klassika ta' Oliver Friggieri dwar il-ġens Malti maħqur u mjassar sa ma jqum rebbieħ fid-dawl ta' libertà, demokrazija, u indipendenza.
Sena 90 p. 12-21

---

CILIA, ĠANNI A.

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Surmast u Ħabib."
Tema: Tagħrif bijografiku fuq Ninu Cremona, is-surmast tal-Grammatika Maltija u l-ħabib ta' Ġanni Cilia. Wieħed isib referenza għall-versi mill-poeżija ta' Ninu Cremona "Ultimae Nostrarum".
M/Ġ 72 p. 38-41

**ESEJS**

1 Titlu: "Ġunju fil-Folklor."
Tema: Tagħrif fuq ix xahar ta' Ġunju u tifsir ta' qwiel marbutin miegħu.
Sena 89 p. 16-17

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Monsinjur Orazio Vella."
Tema: Episodji ewlenin meħuda mill-ħajja tal-Monsinjur Orazio Vella, u żewġ poeżiji tiegħu.
3/4 85 p. 59

---

COLEIRO, CHARLES

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Rapport Amministrattiv 1969-1972."
Tema: Rapport li jiġbor fih il-ġrajjiet li twieldu fi ħdan l-Akkademja u r-rabtiet li saħħu lill-istess Akkademja fil-ħajja u s-soċjetà Maltija fix-xhur li għaddew.
M 73 p. 12-17

2 Titlu: "Rapport Amministrattiv 1972-1973."
Titlu: Rapport Amministrattiv li juri dak kollu li għaddiet minnu l-Akkademja fis-snin 72 u 73.
Ġ 74 p. 38-40

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Kif Niftakar lill-Professur Anastasju Cuschieri."
Tema: Anastasju Cuschieri mfakkar bħala s-surmast li jgħallem u jwiddeb, il-bniedem li ħabb is-sempliċità u ċ-ċokon, l-oratur, il-kritiku, u l-poeta sinċier bħal ma huma l-poeżiji tiegħu.
Sena 87 p. 3

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Destin."
Tema: Il-bniedem jammetti li t-tfixkil u t-telfien li jinsab fih hu kollu ħtija tiegħu.
O 98 p. 21

2 Titlu: "Uċuh."
Tema: L-ipokrezija tal-bniedem li jitbissem f'wiċċ dawk li soltu jqasqas kontrihom minn warajhom.
O 98 p. 21

3 Titlu: "Xewqat."
Tema: Il-karba tal-bniedem għas-satra u l-ħniena tixbah it-tinwiħ tal-qtates bil-lejl.
O 98 p. 21

---

CORTIS, JANE

**ĦAJKU**

1 Titlu: "Sinjura Mdandna."
Tema; Ix-xwejħa mdandna hija xhieda tal-bluha.
Ġ 75 p. 58

2 Titlu: "Sema Griż, Kiebi."
Tema: Wara l-maltemp joħroġ il-bnazzi.
Ġ 75 p. 58

3 Titlu: "Arti fis-Sema."
Tema: L-arti fis-sema hi minquxa min-nefħa tar-riħ.
Ġ 75 p. 59

4 Titlu: "Żewġ Sodod Sema u Art."
Tema: Il-ħajbur f'sema kaħlana u n-nagħaġ f'art ħadrana huma tewmin għax it-tnejn bojod.
Ġ 75 p. 59

5 Titlu: "Miżiep Iqattar."
Tema: It-thewdin huwa ġabra ta' ħsibijiet itektku.
Ġ 75 p. 59

6 Titlu: "Żewġ Ibħra Jmewġu."

Tema: L-ibħra jindehsu ma' l-aħrax jew mas-sejjieħ.
Ġ 75 p. 59

7 Titlu: "Qalbi, Għal'Int Hekk?"
Tema: Il-qalb tinstema' tħabbat fil-kwiet.
Ġ 75 p. 59

8 Titlu: "Qalila x-Xitwa."
Tema: Mistoqsija dwar x'tissejjaħ rebbiegħa li ma tħaddarx.
Ġ 75 p. 59

9 Titlu: "Mewġa f'Dagħdigħa."
Tema: Mewġa mqallba togħla, tinżel u taħbat mal-blat.
Ġ 75 p. 59

10 Titlu: "Kemm Hi Kerha l-Mewt."
Tema: Il-kruha tal-mewt f'Jum l-Irxoxt.
Ġ 75 p. 59

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Warda."
Tema: Id-dehriet varji ta' warda fi staġuni differenti.
Ġ 73 p. 37

2 Titlu: "L-Irjieħ."
Tema: Il-qilla u s-setgħa ta' l-irjieħ tjassar u ġġib fix-xejn lill-bniedem.
D 74 p. 123

3 Titlu: "Lejn it-Tmiem."
Tema: L-aħħar mumenti tal-ħajja tal-bniedem.
D 74 p. 124

4 Titlu: "Pittura."
Tema: Deskrizzjoni ta' pittura li turi d-dulur ta' l-ulied.
D 74 p. 124

5 Titlu: "Żwiemel."
Tema: L-ilbit bla heda taż-żwiemel ma jwassal għall-imkien.
M 75 p. 26

6 Titlu: "Qlugħ."
Tema: Il-priġunier dieqi bħall-qlugħ jiċċarrat u jegħreq.
Ġ 75 p. 58

7 Titlu: "M' Hemmx Għalfejn."
Tema: B'ħarstek biss tkun għidtli kollox.
Ġ 75 p. 59

8 Titlu: "Ġuħ."
Tema: It-tbatija tal-ġuħ fl-umanità.
Ġ 76 p. 34

9 Titlu: "Tnabar."
Tema: Ir-ritmu jiddetta ż-żminijiet differenti fil-ħajja tal-bniedem.
Ġ 76 p. 52-54

10 Titlu: "Summertime."
Tema: Il-bajja fis-sajf miżgħuda bin-nies..
S 76 p. 81

11 Titlu: "Minn fuq l-Irdum."
Tema: Is-sigurtà tan-natura fi nżul ix-xemx f'kuntrast mat-telfien fid-dawl tat-triq.
S 76 p. 91-92

12 Titlu: " 'Friuli' Mejju 1976."
Tema: Nuqqas ta' ħarsien lejn in-natura, l-ambjent, u l-qerda ta' Friuli.
M 77 p. 8-9

---

C. S.

**STUDJI BIJOGRAFIĊI**

1 Titlu: *Bernardette u s-Sejħa ta' Lourdes*.
Tema: Tagħrif fuq l-iżvilupp spiritwali u fuq il-ħajja ta' Bernardette b'ħafna tagħlim axxetiku. Il-ktieb, imżejjen b'bosta stampi u msaħħaħ b'dokumenti, hu ta' fejda, inissel il-paċi, u jgħin biex tingħex ħajja tajba.
S 73 p. 95-96

2 Titlu: *San Ġorġ Martri.*
Tema: Tiftix dwar il-figura storika ta' San Ġorġ, li l-qima bikrija fuq qabru tixhed l-eżistenza ta' qaddis ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisja.
S 73 p. 94-95

**STUDJI ĠENERALI: ANNIMALI**

1 Titlu: *Trobbija tal-Fniek.*
Tema: Tagħrif fuq it-trobbija tal-fniek u tifsir ta' dak kollu li għandu x'jaqsam u x'jeħtieġ biex wieħed jieħu boton fniek f'saħħithom tajbin għall-ikel.
S 73 p. 94

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Is-Sejħa tal-Kitba.*
Tema: Antoloġija ta' proża u poeżija fuq stil tradizzjonali u modern maħruġa mill-Għaqda Kittieba Żgħażagħ biex tfakkar l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tagħha. Dawn il-kittieba msejħa erwieħ ġodda taw kontribuzzjoni siewja lil-letteratura ta' ġensna.
S 73 p. 95

**STUDJI LETTERARJI U LINGWISTIĊI**

1 Titlu: *Taħriġ Għall-Eżamijiet tal-Malti.*
Tema: Ġabra ta' esejs, domandi tal-grammatika, siltiet għat-traduzzjoni u qwiel, bħala taħriġ għat-tfal li se jersqu għall-eżamijiet tal-Malti.
S 73 p. 93

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

DEGABRIELE, ALFRED

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Metaforosi."
Tema: Xewqa għad-dehra tat-tfajla bħala tifkira.
S 97 p. 4

2 Titlu: "Bħan-Nar tal-Festi."
Tema: L-ilwien sbieħ ta' xewqat fiergħa jintfew bħan-nar tal-festi.
S 97 p. 5

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

DELIA, ĠUŻÈ

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Tifkiriet u Fehmiet ta' Ġino Muscat Azzopardi u Patri Ġużè Delia."
Tema: Ġużè Galea hu wieħed mill-aqwa kittieba tal-proża Maltija b'enfasi fuq l-Istorja ta' Malta u d-drawwiet Maltin.
J-D 81 p. 17-18

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Lil Marija Bambina."
Tema: Tifħir lill-Madonna u tfakkir ta' episodji fl-Istorja ta' Malta.
D 70 p. 115-120

2 Titlu: "Lis-Sur Nin Cremona."
Tema: Tifħir lis-Sur Nin Cremona f'għeluq id-disgħin sena tiegħu, u apprezzament għal ħidmietu favur l-Ilsien Malti, tant li ismu se jibqa' mnaqqax fil-qlub tal-Maltin.
M/Ġ 72 p. 12-15

---

DIACONO, ĠUŻÈ

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Kelmtejn mill-Editur il-Ġdid."
Tema: Filwaqt li jagħmel ħiltu kollha biex itejjeb id-dehra u l-kontenut ta' *Il-Malti*, l-editur Ġużè Diacono jitlob lill-membri ta' l-Akkademja jibagħtu l-kitbiet tagħhom.
M 77 p. 7

2 Titlu: "Aħbarijiet Letterarji."
Tema: Ħruġ ta' kotba letterarji, ktieb storiku, u ieħor lingwistiku.
M 77 p. 31-32

3 Titlu: *Il-Madonna taċ-Ċoqqa*.
Tema: Wara stedina mill-President ta' l-Akkademja tal-Malti, Ġużè Diacono jikteb dwar it-teleserjil kontroversjali tiegħu *Il-Madonna taċ-Ċoqqa* fil-ħarġa li jmiss ta' *Il-Malti*.
M-D 78 p. 46

4 Titlu: *Il-Madonna taċ-Ċoqqa*.
Tema: Ġużè Diacono jilmenta miċ-ċensura indiretta bis-saħħa ta' ġurnali u istituzzjonijiet.
M-Ġ 79 p. 2

5 Titlu: "Karmen Micallef Buhagiar."
Tema: Ringrazzjament lil Karmen Micallef Buhagiar għal għotja ta' flus lill- Akkademja.
M-Ġ 79 p. 32

6 Titlu: "Rumanz ta' Ġużè Chetcuti Maqlub għall-Għarbi."
Tema: *L-Isqaq* hu l-ewwel rumanz Malti-Għarbi.
M-Ġ 79 p. 32

7 Titlu: "L-Akkademja tal-Malti. Rapport Amministrattiv: 1978/80."
Tema: Il-ħidma ta' l-Akkademja bejn is-snin 1978 u 1980.
J-D 80 p. 37-40

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Nifirħu."
Tema: Nifirħu lil Ġorġ Pisani membru ta' l-Akkademja li rebaħ l-*International Literary Award* bir-rumanz tiegħu *Beraq u Qawsalli*.
M 77 p. 26

**EDITORJALI**

1 Titlu: "Il-Malti fit-Tagħlim ta' Suġġetti Oħra."
Tema: Suġġetti li jistgħu jintgħallmu bil-Malti ma għandhomx jiġu mgħallma bl-Ingliż.
M 77 p. 1-2

2 Titlu: "L-Ortografija tal-Malti."

Tema: L-Akkademja taħtar kummissjoni biex tirrevedi t-*Tagħrif* u tintroduċi l-element Rumanz kemm fil-qasam ta' l-ortografija kif ukoll fil-morfoloġija.
Ġ-D 77 p. 1-2

3 Titlu: "Ġużè Muscat Azzopardi – Traduttur tal-Kotba Mqaddsa."
Tema: Ġużè Muscat Azzopardi ppopolarizza l-Kotba Mqaddsa f'pajjiżna u rawwem in-nisrani Malti jifhem u japprezza l-Kelma ta' Alla.
M-D 78 p. 1-3

4 Titlu: "Il-Kitba tal-Malti."
Tema: Mistoqsija, jekk wasalx iż-żmien li jsir xi tibdil fl-ortografija tal-Malti.
M-Ġ 79 p. 1-2

5 Titlu: "Malta Maltija!"
Tema: Il-Poplu Malti għadu influwenzat mill-mentalità barranija.
S-D 79 p. 1-2

6 Titlu: "Is-Sillabi tal-Matrikola."
Tema: Iż-żgħażagħ għandhom jiġu mħajrin jaqraw kotba bil-Malti u mhux imdarrsa minn kotba ermetiċi kif qed jingħataw fis-sillabi tal-matrikola.
J-D 80 p. 1-2

**NOVELLI**

1 Titlu: "Papà Ġdid."
Tema: Papà ġdid li ma jafx iħobb lil ulied li ma humiex tiegħu.
M 77 p. 10-14

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Ieqaf Ħija."
Tema: Għin lix-xiħ għax bħalu trid tixjieħ.
Ġ 75 p. 45

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "….L-Ħolm Duħħan Itir".
Tema: Kritika fuq il-poeżija ta' Ružar Briffa fejn ix-xewqat ma jseħħux, il-ħajja tibqa' għaddejja bla skop u l-ħolm mhux għajr duħħan għaddej, għaddej, itir mar-riħ.
S 79 p. 3-8

---

DIM.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "*Orazju-De Arte Poetica* - Maqlub għall-Malti mil-Latin u annotata minn Oliver Friggieri."
Tema: It-Traduzzjoni tal-poeżija ta' Orazju hi ta' kontribut għall-Ilsien Malti li, la għandu l-letteratura tiegħu għandu jkollu wkoll it-taqsima ta' traduzzjonijiet letterarji klassiċi bħal ma hemm f'ilsna oħra.
D 75 p. 122

---

DOUBLESIN, GEORGE

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Il-Katarsi f'*Il-Barrani.*"
Tema: Dramm b'tifsila Griega fejn il-katarsi fil-karattri tal-barrani u ta' Safja ma tonqosx.

M 70 p. 19-22

2 Titlu: "Studju kritiku fuq *Il-Ħajja Nżul u Tlajja'*."
Tema: Damma ta' poeżiji b'temi varji bħaż-żgħożija, id-delużjoni, is-swied il-qalb u s-sbuħija tal-ħajja.
S 74 p. 67-72

---------------------------------------------------------------------------------------------------

E. D.

**STUDJI FOLKLORISTIĊI**

1 Titlu: *L-Imdina ta' Tfuliti.*
Tema: Storja ta' folklor li minnha jinsiltu drawwiet, dettalji, festi, nies, deskrizzjonijiet u rakkontar bħala xhieda tal-ħajja soċjali kif kienet fl-Imdina.
D 75 p. 120-121

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Il-Kappillan Ma Jmut Qatt.*
Tema: Tnax-il rakkont umoristiku u sarkastiku fejn jingħataw xbihat grotteski b'mod inġust u inġurjuż lill-kappillan u s-sorijiet.
S 74 p. 96

2 Titlu: *Dun Katald u Ħrejjef Oħra.*
Tema: Ħrejjef, li skond l-awtur huma novelli umoristiċi meħudin mir-realtà.
D 74 p. 125-126

---------------------------------------------------------------------------------------------------

ELLUL GALEA, KARMENU

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Nekroloġija: Mario Agius."
Tema: Ħarsa lejn il-ħajja u x-xogħlijiet ewlenin ta' Mario Agius li miet fl-24 ta' Awissu 1983.
1/2 85 p. 40

2 Titlu: "Nekroloġija: Karmenu Vassallo."
Tema: Ħarsa lejn il-ħajja u x-xogħlijiet ewlenin ta' Karmenu Vassallo li miet fis-7 ta' April 1987.
Sena 87 p. 45-46

**POEŻIJI**

1 Titlu: "It-Toqol ta' Delli."
Tema: Il-ħajja hi bħal dellijiet koroh u sbieħ. Il-poeta jħobb is-swied ta' dellu iżda jistmerr il-bjuda mdella permezz tal-ħażen.
Ġ 71 p. 48-49

2 Titlu: "Fid-Duluri."
Tema: Il-ħajja tal-kotra f'Jum id-Duluri.
M 75 p. 25-26

**STUDJI DWAR IL-LINGWA**

1 Titlu: "L-Ilsien Malti fl-1904 u….fl-2036."
Tema: L-istradikar ta' l-Ilsien Malti fl-1904 u n-nuqqas ta' apprezzament fl-1970 mill-Maltin. Tgħid fl-2036 ikun għad baqa' minn dawk li jridu jistradikaw l-Ilsien Malti?
Ġ 70 p. 36-37

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

ELLUL GALEA, ALFRED

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Il-Ħsieb u l-Ħidma Politika ta' Anton Buttigieg."
Tema: Ix-xewqa li jara lill-Ilsien Malti jingħata għarfien nazzjonali u lil artna indipendenti u Maltija kienu l-ideali ta' Anton Buttigieg, li minn deputat ħabrieki f'nofs is-snin ħamsin inkuruna l-karriera politika tiegħu bħala t-tieni President tar-Repubblika.
1/2 86 p. 17-25

2 Titlu: "Għeluq il-25 Sena mill-Mewt tal-Professur Anastasju Cuschieri."
Tema: Episodji ewlenin mill-ħajja ta' Anastasju Cuschieri u l-akkademja mużiko-letterarja li ttellgħet bħala tifkira ta' għeluq il-25 sena minn mewtu.
Sena 87 p. 3

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

ELLUL VINCENTI, NORBERT

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Achille Mizzi, *Il-Kantiku tad-Demm Poeżiji*."
Tema: Il-poeżija ta' Achille Mizzi hi frott twemminu li l-poeta huwa r-ruħ ta' ġensu, il-profeta li jirrifletti l-qagħda tal-poplu u jsawwarha, ir-ragħaj li jimxi wara l-merħla kif ukoll quddiemha.
J-D 80 p. 45-48

F. D.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Bejn Qċaċet u Qigħan.*
Tema: Karmenu Vassallo bħala poeta mitwieled, sod, ta' kalibru u ġenwin li kanta l-pessimiżmu tal-ħajja b'għanja ħierġa minn qalb sinċiera fil-weġgħat tagħha.
Ġ 75 p. 62

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

FENECH, REV. P. DWARDU

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Ninu Cremona Pijunier tal-Grammatika Maltija Moderna."
Tema: Tagħrif dwar ix-xogħlijiet ta' Ninu Cremona li fehem minn kmieni l-importanza tal-Grammatika Maltija.
M/Ġ 72 p. 56-61

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Żmien l-Ispanjoli.*
Tema: Studju dwar *Żmien L-Ispanjoli,* ir-rumanz li jittratta elementi storiċi, deskrizzjonijiet ta' kaċċa, ta' ġlied, ta' sarar u mħabba kortiġjana ambjentati fl-ewwel nofs tas-seklu ħmistax.
M 73 p. 23-28

2 Titlu: " 'In-Nissieġa' ta' Dun Karm u *La Tessitrice* ta' Giovanni Pascoli."
Tema: Kritika komaparattiva turi li l-poeżiji jixbhu lil xulxin fl-isem iżda huma sostanzjalment diversi tant li jekk kien hemm xi influwenza din kienet remota ħafna.
Ġ 76 p. 44-47

**STUDJI LINGWISTIĊI**

1 Titlu: "Gradi ta' Verità."
Tema: Definizzjoni ta' x'inhi "Il-Kelma".
Ġ 71 p. 38-40

**STUDJI RELIĠJUŻI**

1 Titlu: "Kontemplazzjoni u Appostolat f'Tagħlim San Tumas ta' Akwinu."
Tema: Is-sempliċità ta' l-espożizzjoni hi magħquda maI-livell għoli tal-kontenut.
S-D 79 p. 28-29

---

FENECH, KARM S. J.

**ARTIKLI**

1 Titlu: "L-Ilsien Malti fil-Liġijiet."
Tema: L-Akkademja tal-Malti titlob li l-liġijiet kollha jibqgħu jitfasslu bl-Ilsien Malti.
D 74 p. 99

2 Titlu: "Riżoluzzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti mgħoddija fit-12 ta' Novembru, 1974."
Tema: Riżoluzzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti li tħares l-Ilsien Malti fil-liġijiet, mibgħuta lill-Parlament, lin-nies ewlenin, lill-għaqdiet u lill-medja.
D 74 p. 100

3 Titlu: "Il-Kittieba u l-Akkademja."
Tema: L-Akkademja organizzat laqgħat kulturali li fihom laqqgħet il-pubbliku mal-kittieba tal-Malti.
M 75 p. 3

4 Titlu: "Rapport Amministrattiv tal-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti għas-Snin '74 u '75."
Tema: Il-ħidma ewlenija li wettaq il-Kunsill ta' l-Akkademja għas-snin 1974 u 1975.
M 76 p. 4-7

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Il-Mewt ta' Albert Cassola."
Tema: L-għomor lill-familja ta' Albert Cassola membru akkademiku li ħalla kontribut sabiħ f'ħafna friegħi tal-Malti.
S 74 p. 72

2 Titlu: "Nifirħu."
Tema: L-Akkademja tifraħ lill-Onor. Dr A. Buttigieg għat-trofew li rebaħ permezz ta' traduzzjonijiet mill-ktieb *Il Mare Di Malta* f'Reggio Calabria. L-Għaqda tifraħ ukoll lill-familja ta' Arnold Cassola għall-premju letterarju li rebaħ fil-*Concorso Nazionale di Poesia* fl-Italja.
D 74 p. 122

3 Titlu: "Tlifna lil F.X. Mangion."
Tema: Tagħrif dwar il-ħidma ta' F.X. Mangion membru akkademiku li miet fl-4 ta' Diċembru 1975.
D 75 p. 99

4 Titlu: "Bil-Mewt tal-Professur Zarb….Tlifna Ġawhra Kbira u Għażiża."
Tema: Episodji ewlenin mill-ħajja tal-membru akkademiku Patri Serafin Zarb li ħalliena fis-7 ta' Marzu 1976.
M 76 p. 3

**EDITORJALI**

1 Titlu: "Il-Malti u l-Kultura."
Tema: Il-kontribut kulturali li tat l-Akkademja tal-Malti permezz tar-rivista *Il-Malti* li daħlet fil-ħamsin sena mill-pubblikazzjoni tagħha. Tagħrif dwar l-ideali tal-Għaqda u l-għanijiet għall-futur tagħha.
Ġ 74 p. 33-34

2 Titlu: "Malta u Wliedha."
Tema: In-nuqqas fis-sens ta' ġieħ nazzjonali u fir-rispett soċjali lejn ulied Malta. Ix-xewqa ta' l-Akkademja tal-Malti għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Kultura Maltija.
S 74 p. 65-66

3 Titlu: "Istitut ta' Kultura Maltija."
Tema: L-Akkademja tisħaq fuq il-bżonn ta' Istitut ta' Kultura Maltija biex tissaħħaħ l-identità tagħna, turi l-ħidma li tista' titwettaq fih, u tħeġġeġ rieda qawwija fost dawk li jistgħu jgħinu.
D 74 p. 97-98

4 Titlu: "Il-Livell Kulturali Malti."
Tema: Il-livell kulturali Malti b'referenza għal-letteratura Maltija.
M 75 p. 1-3

5 Titlu: "L-Akkademja u l-Membri Akkademiċi."
Tema: Ir-rivista *Il-Malti* hija l-ħolqa li tgħaqqad u tagħti ħajja lill-membri u lill-Akkademja.
Ġ 75 p. 33-34

6 Titlu: "Il-Kontribut tal-Membri Akkademiċi."
Tema: Il-membri akkademiċi huma f'għaqda ħajja u għandhom jaħdmu b'enerġija u interess għall-ideal ta' l-Akkademja tal-Malti.
S 75 p. 65-66

7 Titlu: "Il-Futur ta' l-Akkademja."
Tema: L-Akkademja trid tibqa' ħajja b'membri attivi u maturi, f'kelma waħda b'imsieħba ħajjin.
D 75 p. 97-98

8 Titlu: "Wara l-Laqgħa Ġenerali."
Tema: L-attendenza fqira għal-laqgħa ġenerali turi nuqqas ta' ħeġġa fost il-membri. Minħabba f'hekk ġew suġġeriti mezzi pożittivi biex jagħtu ħajja u interess sinċier lill-membri.
M 76 p. 1-2

9 Titlu: "Ir-Reviżjoni ta' *It-Taħriġ*."
Tema: It-twaqqif ta' kummissjoni biex tistudja kif torqom u taġġorna *It-Taħriġ,* sabiex tinżamm l-uniformità meħtieġa fl-ortografija.
Ġ 76 p. 33-34

10 Titlu: "Ħarsa Lura."
Tema: Ħarsa lura lejn ix-xogħlijiet li wettqet l-Għaqda tal-Malti u x'tista' tkompli tagħmel ħalli Malta jkun jixirqilha l-isem ta' Nazzjon Indipendenti bl-Ilsien tiegħu.
S 76 p. 65-66

11 Titlu: "Inqajmu Kuxjenza Nazzjonali."
Tema: L-Akkademja tinsisti biex titqajjem kuxjenza nazzjonali favur il-Malti miktub u mitħaddet sewwa, u kontra l-Malti mfarrak u mgħaffeġ kif qed jiġi ppreżentat mill-medja.
D 76 p. 97-98

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Studju fuq *Poeżiji Miġbura 1947-1972* ta' Wallace Ph. Gulia."
Tema: Ġabra ta' poeżiji b'lehma filosofika u spiritwali.
D 74 p. 101-106

---

FENECH, VICTOR

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Xi Jfisser Dun Karm Għalija."
Tema: Dun Karm biss jistħoqqlu jissejjaħ "Il-Poeta Nazzjonali ta' Malta".
3/4 86 p. 39-40

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Temporale."
Tema: Il-ħamiema tbarqam it-tħallija tal-qerda tal-Kolisseum, il-post storiku li fih inqerdu ħafna nies.
S 97 p. 6

---

FLORES, CHARLES

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Qamar tal-Vikingi."
Tema: Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar il-bniedem jaħseb f'dinja oħra.
S 97 p. 7

2 Titlu: "Pakkett Nru. 49."
Tema: Iż-żmien għaddej u l-bniedem jaħsad dak li żara' matulu.
S 97 p. 7-8

---

FRELLER, THOMAS

**STUDJI DWAR IL-LINGWI**

1 Titlu: "Il-Malti – Lingua Punica jew Lingua Arabica?"
Tema: Aspetti tad-diskussjoni internazzjonali li kien hemm lejn tmiem is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax dwar l-għarfien ta' l-Ilsien Malti.
O 98 p. 1-7

---

FRIGGIERI, JOE

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Durham 11.5.96."
Tema: Osservazzjoni ta' xi nies u tal-Belt filgħaxija u l-kattidral li ilu mwaqqaf disa' sekli.
O 98 p. 36

---

FRIGGIERI, OLIVER

## ARTIKLI

1 Titlu: "L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti – Qabel it-Twaqqif."
Tema: Ġrajjiet ewlenin li seħħew u li wasslu għat-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.
S 75 p. 86-89

## BIJOGRAFIJI

1 Titlu: "Tifkiriet ta' Ninu Cremona."
Tema: Tagħrif dwar tifkiriet ta' Ninu Cremona bħala studjuż, kittieb kbir, bi kwalità ta' rġulija rari.
M/Ġ 72 p. 33-36

## ĦAJKU

1 Titlu: "Rifes il-Bniedem."
Tema: Il-qerda tan-natura.
O 99 p. 27

2 Titlu: "Sifirt u Ġibtlek."
Tema: Ix-xewqa li jerġa' jitbiegħed bħala rigal ta' safra.
O 99 p. 27

3 Titlu: "Ifeġġu l-Kwiekeb."
Tema: Alla d-dawl tad-dinja.
O 99 p. 27

4 Titlu: "Bħal Ali Baba."
Tema: Il-bniedem jara parti żgħira mid-dinja.
O 99 p. 27

5 Titlu: "Jinżel il-Bniedem."
Tema: Il-bniedem kien fl-ilma meta kien fil-ġuf.
O 99 p. 27

6 Titlu: "Il-Ħmar Ried Jidħol."
Tema: Il-ħmar kien qabel il-bniedem tal-lum fl-ewwel knisja, l-għar ta' Betlem.
O 99 p. 27

7 Titlu: "Xjenzjat Jittama."
Tema: Xjenzjat ifittex il-prova, poeta jesprimi l-emozzjoni.
O 99 p. 27

8 Titlu: "Ġesù Hekk Qallu."
Tema: Min jimxi ma' Kristu jkollu jbati.
O 99 p. 27

## POEMI

1 Titlu: "Il-Bikja Tal-Masġar."
Tema: Il-bniedem jiftakar u jfakkar dak kollu li sar jaf meta kiser is-silenzju billi staqsa, imbagħad beka u beda jagħraf.
Sena 89 p. 3-4

## POEŻIJI

1 Titlu: "Tiru Għasafar."
Tema: Il-ferħ ta' l-għasafar ċkejknin f'kuntrast mad-dwejjaq tal-bniedem.
S 70 p. 66-67

2 Titlu: "Insomnja."
Tema: Il-ħsieb hu fundamentali għas-serħan fil-ħajja tal-bniedem.

S 70 p. 81

3 Titlu: "Lil Malta."
Tema: Il-poeta ma jgħannix l-għanja tal-foħrija iżda dik ta' stmerrija lejn art twelidu. Il-fdal maħsul ta' Malta ġdida wara l-għarqa u l-għajbien tagħha jġiegħel lill-poeta biex "imbagħad imbagħad inħobbok.''
D 70 p. 106-107

4 Titlu: "Il-Lejla t-Toroq."
Tema: Il-ħajja hija mgħaġġla, ripetuta, xejn ġdid u ż-żmien għaddej minn fuq il-bniedem.
Ġ 71 p. 44

5 Titlu: "Dan il-Programm."
Tema: Il-mewt hi qrib u meta l-ħajja tintemm il-bniedem jagħmel vjaġġ faċli 'l barra minnha.
D 71 p. 117

6 Titlu: "Erġ' Ibda Għidli l-Ħrejjef."
Tema: Il-poeta jixtieq lil ommu tgħidlu l-ħrejjef bħal dari, iżda mhux tat-tifel ċkejken li llum kiber. Din il-ħrafa l-poeta jafha sewwa.
D 71 p. 117

7 Titlu: "Qabel Tagħfas il-Ħabel."
Tema: Suġġerimenti alternattivi għas-suwiċidju.
D 72 p. 106

8 Titlu: "L-Ilħna Maħnuqa."
Tema: Il-bniedem ma jafx it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħu u għalhekk ikollu jibqa' jhewden.
M 73 p. 22

9 Titlu: "Iss' Inżel Xemx."
Tema: Il-bniedem jixtieq jibdel l-ambjent li mdorri fih.
S 73 p. 80

10 Titlu: "La Jċedi."
Tema: Dubji dwar jekk l-emozzjonijiet imgħoddija jibqgħux jinħassu fil-ġejjieni.
D 73 p. 113

11 Titlu: "Ja Qanpiena."
Tema: Id-daqq tal-qanpiena jġib memorji ta' dieq u jġiegħel lill-bniedem jibki.
D 73 p. 113

12 Titlu: "Protesta Maltija."
Tema: Il-protesta Maltija hi barra minn żmienha u mingħajr effett, ħażina, żbaljata u ma tafx f'liema direzzjoni sejra.
M 74 p. 12

13 Titlu: "L-Uċuh Kollha."
Tema: Il-bniedem ma jistax iwettaq kollox f'daqqa għax kull skop irid żmienu sabiex jintlaħaq.
Ġ 74 p. 42

14 Titlu: "Jien Naf."
Tema: Il-bniedem jagħraf ħtijietu u jitlob lil Alla għall-ħniena jew li jieħdu fost in-nies twajba fejn iħossu aħjar.
Ġ 74 p. 49

15 Titlu: "Il-Kwiekeb Ikellmuk."
Tema: Għalkemm il-barrani jkellmek meta ssejjaħlu, leħnek jixhed li inti ġej minn razza oħra.
D 74 p. 108

16 Titlu: "Għajnejk Se Jimxu Miegħi."
Tema: Xi ħadd li jaf kollox se jibqa' miexi mal-bniedem sa ma jmut.
Ġ 75 p. 55

17 Titlu: "Kont Tifel Seklu Ilu."
Tema: Filwaqt li l-bniedem jiftakar fil-faqar li għadda minnu u ħallewh fih, jiddubita minn żmien l-eżistenza ta' xi ħadd u kontinwament jistaqsieh fejn kien.
S 76 p. 91

18 Titlu: “Fiż-Żiffa Mejta.”
Tema: Il-mewt hi fuq kulħadd u kif rebħet lill-bniedem ta' qabel għad tirbaħ lill-bniedem tal-lum.
S-D 79 p. 8

19 Titlu: “Did-Dgħajsa.”
Tema: Il-patrijott li jħabrek biex joħloq kuxjenza ta' identità lil pajjiżu, hu traditur u jingħata l-mewt mill-kotra.
S-D 79 p. 23

20 Titlu: “Pariġi.”
Tema: Is-seħer tal-mara.
M 93 p. 27

21 Titlu: “Il-Bieb Imsakkar.”
Tema: Sakemm qalb l-univers u qalb il-bniedem itektku b'ritmu wieħed il-ħajja tibqa' sejra.
S 97 p. 8

22 Titlu: “Kull Ħolma Tqila.”
Tema: Il-ħajja rutina tirrepeti ruħha sal-mewt.
S 97 p. 8

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Is-Sebħ.*
Tema: Poema didattika bi ħsieb reliġjuż u pożittiv, b'tifsila ta' ħasla spiritwali wara t-tiġrib.
Ġ 71 p. 63-64

2 Titlu: *Ir-Raheb.*
Tema: Dramm epiku klassiku bi stil poetiku u b'nisġa ta' karattri, storja, ideoloġija u ambjentazzjoni. Id-dramm fih valuri spiritwali ta' karattru u poplu sħiħ b'waqtiet ta' emozzjoni qawwija u qilla u waqtiet meta l-ħoss ħelu tal-kelma Maltija hu biżżejjed biex isaħħar l-udjenza.
D 71 p. 125-126

3 Titlu: “Il-Persunalità Poetika ta' Dun Karm.”
Tema: Dun Karm huwa r-ruħ ta' nazzjon sħiħ.
D 72 p. 119-120

4 Titlu: “Studju fuq *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' Ninu Cremona.”
Tema: Kritika tad-dramm *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, li bħala dramm poetiku fih bosta valuri iżda bħala xogħol għall-palk fih għadd ta' nuqqasijiet tekniċi.
Ġ 73 p. 52-53

5 Titlu: *Fra Martin u Novelli Oħra.*
Tema: Drawwiet folkloristiċi mżewqa b'fantasija li jagħtu ħajja, ikattru d-deskrizzjoni, u jġibu tifkiriet reali ta' dari.
G 73 p. 59-61

6 Titlu: “Konsiderazzjoni dwar il-Poeżija f'Malta fis-Seklu 19.”
Tema: Studju kritiku fuq il-poeżija f'Malta fis-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, b'referenzi għal-letterati, għall-istorja, għall-politika, għar-reliġjon u għall-kultura.
M 76 p. 27-32 Ġ 76 p. 36-43

7 Titlu: “Aspetti tal-Lingwaġġ Leopardjan f'Karmenu Vassallo.”
Tema: Ix-xejriet kuntrarji tal-lingwaġġ Leopardjan f'Karmenu Vassallo jixhdu l-imġiba tal-poeta fit-tilwima bejn ir-realtà u l-ħolma, l-individwu u l-universali, iċ-ċaħda u l-infinit, lil hawn u lil hinn, il-limitu tat-tiġrib u l-bniedem immaġinattiv, li jinsabu f'kunflitt f'persuna kuntrastanti waħda.
1/2 85 p. 28-34

8 Titlu: “Erba' Poeżiji Mhux Magħrufa ta' Dun Karm.”
Tema: Episodji ewlenin fil-ħajja ta' Dun Karm Psaila u poeżiji tiegħu.
3/4 85 p. 65-67

9 Titlu: “Anton Buttigieg: Il-Lirika tal-Misteru Moħbi fil-Ħlejjaq.”

Tema: Il-lirika ta' Anton Buttigieg tinsisti fuq in-natura tal-veġetazzjoni u tas-sensittività. Huwa jikser il-limitu taż-żmien u spazju billi jmiss f'kontinwità kożmika id-dejjem u kullimkien, l-eternità u t-totalità.
1/2 86 p. 5-14

10 Titlu: *'Pro Memoria - Ħsibijiet Żgħar' – Manuskritt ta' Dun Karm.*
Tema: Deskrizzjoni tal-manuskritt ta' Dun Karm b'xejriet u konklużjonijiet mistħarrġa.
3/4 86 p. 103-115

11 Titlu: "Anastasju Cuschieri: Is-Solitudni, il-Kelma, il-Madonna."
Tema: Is-solitudni li tirrifletti ruħha fil-malinkonija u fit-timidezza, il-qima lejn il-Madonna li twasslu jegħleb is-solitudni, u l-fiduċja fil-kelma Maltija u fil-kelma umana huma t-tliet xejriet differenti li jiltaqgħu flimkien u jsawru persunalità kumplessa waħda.
Sena 87 p. 5-10

12 Titlu: "Xi Aspetti ta' l-Esperjenza Leopardjana ta' Karmenu Vassallo."
Tema: Il-kriżi eżistenzjali, is-seħta tal-ħajja u x-xewqa għall-mewt, is-solitudni, l-esklużjoni u l-imħabba huma xi aspetti ta' l-esperjenza Leopardjana f'Karmenu Vassallo.
Sena 88 p. 75-87

13 Titlu: "Tliet Novelli Minsija ta' Ġużè Bonnici."
Tema: Tagħrif dwar Ġużè Bonnici u tliet novelli tiegħu.
Sena 89 p. 43-53

14 Titlu: "Vassalli: It-Tnissil Ta' Kuxjenza Nazzjonali Maltija."
Tema: Mikiel Anton Vassalli huwa l-ħabbar tal-kuxjenza nazzjonali Maltija fuq il-pjan politiku u kulturali.
Sena 90 p. 58-71

---

FSADNI, PATRI MIKIEL

**STUDJI LINGWISTIĊI**

1 Titlu: "Priedka bi Kliem u Siltiet bil-Malti Qadim u Mirqum."
Tema: Priedka dwar il-Lunzjata bi kliem u siltiet b'Malti sabiħ, qadim u mirqum fejn wieħed jista' jsib għajnuna għat-tiswir tat-tibdiliet matul iż-żmien ta' l-Ilsien Malti.
O 99 P 8-14.

---

G.

**STUDJI BIJOGRAFIĊI**

1 Titlu: *San Franġisk ta' Assisi.*
Tema: Apprezzament tal-ktieb li jirrakkonta l-ħajja ta' San Franġisk, iż-żmien li għex fih, u t-twaqqif ta' l-Ordni Franġiskan.
M 70 p. 32

2 Titlu: *Il-Ġrajja ta' Edith Stein.*
Tema: Storja traġika iżda eżemplari tas-soru Edith Stein li sfat vittma tat-tiranniżmu.
D 70 p. 123-124

3 Titlu: *San Ġorġ Dejjem Ħarisna.*
Tema: Il-qima lejn il-protettur ta' missirijietna San Ġorġ li dejjem qabeż għall-Maltin u ħelishom minn kull deni. Il-ktieb hu ta' siwi bħala dokument storiku, reliġjuż, soċjali u folkloristiku.
S 71 p. 96

4 Titlu: *Il-Ħajja ta' Ġuża Bugeja.*
Tema: Tagħrif dwar il-ġrajjiet ta' Ġuża Bugeja, il-Maltija mseddqa bil-grazzja, u xi tagħlim mill-eżempji ta' tjieba u rassenjazzjoni li wettqet. Hija xempju ta' xbejba nisranija li qatt ma tonqos mid-dmirijiet tagħha lejn Alla u lejn il-proxxmu.
D 71 p. 120-121

5 Titlu: *Rużar Briffa - Ħajja u Karattru.*
Tema: Il-ħajja ta' Rużar Briffa bi studju psikoloġiku u analitiku dwar ir-ruħ, il-qalb u l-ħsieb tal-poeta.
Ġ 73 p. 54-55

**STUDJI ĠENERALI: MEDIĊINI**

1 Titlu: *Il-Flora Maltija Mediċinali.*
Tema: Ġabra ta' ismijiet ta' ħxejjex u l-prodotti mediċinali li jistgħu jittieħdu minnhom.
Ġ 70 p. 63

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Burdati.*
Tema: Il-proża tħeġġeġ il-moħħ, tmiss il-qalb bi stil veritier li jirrifletti l-ħajja tal-bniedem ta' kuljum. Il-poeżija hi mqanqla minn emozzjoni u sentiment li jnisslu ferħ, hena, ħniena u mogħdrija. L-awtur jinqeda bid-djalett għax huwa mużika safja u ruħ il-poplu.
Ġ 70 p. 57

2 Titlu: *Il-Ferħ tal-Milied.*
Tema: Proża, poeżija u tagħrif fuq il-Milied li jnisslu hena u rieda tajba fil-qarrej.
G 70 p. 62-63

3 Titlu: *Żewġ Ilħna.*
Tema: Ġabra ta' novelli li tħaddan aspetti mill-ħajja pajżana Maltija u tirrappreżenta immaġni milquta tan-nies li jgħixu f'din il-gżira.
D 70 p. 124

4 Titlu: *L-Imfietaħ Tas-Saltna.*
Tema: Rumanz dwar il-ħajja ta' qassis tar-ruħ li jgħix għal Alla u jimxi skond it-tagħlim ta' Kristu minkejja l-ħalel li jiltaqa' magħhom. Fit-traduzzjoni Maltija tinħass is-sejħa u l-ħrara għat-tjieba li kienu jixegħlu l-qalb ħarqiena tal-qassis twajjeb.
D 70 p. 125

5 Titlu: *Is-Surġent Pawlu Barbara.*
Tema: Ġabra ta' rakkonti dwar qtil, ħell u serq mistħarrġin mis-surġent Pawlu Barbara, *detective* għaqli u kwiet li jirnexxielu jaqbad qattiela u ħallelin.
D 70 p. 126

6 Titlu: *Madwar il-Milied.*
Tema: Proża, poeżija u tagħrif dwar il-Milied u ħwejjeġ marbutin miegħu li jnisslu sentimenti ta' hena, sliem, ħniena, mogħdrija, tjieba u ferħ.
Ġ 71 p. 60-61

7 Titlu: *Mis-Siġra ta' Ħajti.*
Tema: Ġabra ta' poeżiji f'żewġ sensiliet, "Weraq tar-Rebbiegħa" u "Weraq tal-Ħarifa". L-ewwel sensiela tittratta tqanqil ta' qalb, xenqiet ir-ruħ, brillanti u ferħ, filwaqt li t-tieni sensiela tittratta ż-żmien tax-xjuħija. Matul il-ġabra kollha tinħass ħarira ta' tjieba nisranija u tama fil-ħniena ta' Alla.
Ġ 71 p. 61-62

8 Titlu: *Weraq u Ward.*
Tema: Ġabra ta' poeżiji tradizzjonali b'xebh ma' xogħlijiet ta' poeti oħra iżda fihom ħolqien ta' fantasija, armonija, u intellettwaliżmu li jixhed għerf tal-moħħ u tagħrif tal-ħajja.
Ġ 71 p. 62-63

9 Titlu: *Nixxiegħa, Damma ta' Poeżiji, L-Ewwel u T-Tieni Ġabra.*
Tema: Poeżiji reliġjużi ispirati minn Alla, il-Madonna, il-Qaddisin, ir-ruħ u l-ħbieb. Żewġ kotba li jdewqu l-ħlewwa fil-poeżija, iserrħu l-moħħ bil-paċi tas-sema, inixxu ħniena, tjieba u mħabba bla qies.
S 71 p. 94-96

10 Titlu: *L-Isqaq.*
Tema: Rakkont ta' bniedem xiħ fuq il-ħajja u dak li ltaqa' miegħu matul il-milja tas-snin. *L-Isqaq* hu l-post ewlieni fejn titwettaq il-ħajja komuni Maltija li turi l-bnedmin bħall-katina msenslin flimkien.

D 71 p. 118-119

11 Titlu: *Ilma Safi.*
Tema: Ġabra ta' poeżiji bi stil mexxej imma mirqum, bi kliem ħafif, bi ħsieb ċar, u b'ritmu ferrieħi għat-tfal. Poeżiji żgħar li jixhdu ħsibijiet għoljin, veritajiet bħala espressjoni ta' sentimenti li jħossu t-tfal innoċenti. Ħafna mill-poeżiji jeżaltaw il-ġmiel tan-natura.
D 71 p. 122-123

12 Titlu: *Lil Hemm Mil-Lanterna.*
Tema: Ġabra ta' stejjer qosra dwar il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira. L-ewwel ħames novelli dwar it-twelid ta' Ġesù Bambin huma ġrajjiet ħelwin, ħfief, imżewqin b'xeni pastorali u drawwiet tal-bdiewa u ħaddiema żgħar. L-erba' novelli l-oħra jfakkru l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu b'dehriet ta' niket u tqanqil il-qalb, mislutin mill-ħajja ta' kuljum b'riflessjonijiet serji dwar il-qagħda u l-imġiba tal-bnedmin fis-seklu għoxrin.
D 71 p. 123-124

13 Titlu: *Dar il-Hena.*
Tema: Ġrajja komuni fuq il-ħajja ta' familji ordinarji b'temi ta' mħabba u faraġ, ta' niket u għawġ, ta' għira u inganni fejn il-praspar ma jonqsux bħala mera tal-ħajja tagħna.
D 72 p. 122-123

14 Titlu: *Ħjut tad-Deheb.*
Tema: Ġabra ta' poeżiji ħfief, ħelwin u ferriħin imfassla għat-tfal.
D 72 p. 128

15 Titlu: *Agħtina x-Xita.*
Tema: Rumanz dwar il-qagħdiet, ftietaq u praspar li jiġru fir-raħal ta' Torre fi Spanja u l-ġibdiet, ix-xewqat, u l-ħajja ta' dawk li jgħixu hemm.
Ġ 73 p. 55

16 Titlu: *Stejjer Ta' Daw' L-Gżejjer.*
Tema: Erbatax-il storja b'nuqqas ta' loġika u realtà, b'fantasija tat-tfal, u b'tiżwiqa ma' karattri Maltin b'moħħhom jilħqilhom li jagħmlu affarijiethom bil-għaqal biex kollox iseħħ kif jaqbel lilhom.
Ġ 73 p. 56-57

17 Titlu: *Dawra Durella.*
Tema: Ġabra ta' poeżiji għat-tfal b'suġġetti dwar l-istorja naturali bi stil ħafif, ħaj u ħarqien, u bi stampi li jħajruhom jaraw, jaqraw u jitgħallmu. Wieħed isib suppliment ta' tagħrif sabiex jgħin l-għalliema jgħallmu d-*Dawra Durella* u poeżiji mmużikati biex jitkantaw mit-tfal.
Ġ 73 p. 57

18 Titlu: *Inċens u Ward.*
Tema: Ġabra ta' novelli b'karattri, persunaġġi, ċirkustanzi u lokalitajiet li juru l-ħajja Maltija ta' kuljum. Din it-tieni ġabra, immirata għall-familji Maltin li joqogħdu f'arthom u li jgħixu barra, tnissel sentimenti nostalġiċi u trabbat il-Maltin bejniethom. Il-qofol tan-novelli hu t-tagħlim nisrani, ir-riflessjonijiet morali, u l-istimulu għat-tjieba.
M 74 p. 30

19 Titlu: *Dawl fil-Fortizza.*
Tema: Ġrajja b'intriċċi u b'kurżitajiet, bi stil ħafif u mexxej li jixbah lil dak ta' Enid Blyton. L-awtur jinqeda b'karattri żgħar, sempliċi, bla qerq u bla problemi emozzjonali biex jilħaq il-personalità sinċiera tat-tfal li jieħdu sehem fil-ġrajjiet.
M 74 p. 31

## STUDJI STORIĊI

1 Titlu: *Il-Kattidral ta' L-Assunta.- Għeluq it-300 sena mit-Twaqqif tal-Knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat Għawdex.- Tifkira f'Ġieħ Monsinjur Tarċisju Gatt.*
Tema: Tliet kotba li juru l-ħila ta' l-awtur f'dawk li huma storja, bijografija u kronaka.
Ġ 70 p. 61-62

2 Titlu: *Il-Knisja Filjali ta' San Pawl Appostlu fil-Wied ta' B'Kara.*
Tema: Tagħrif ta' kull ma għadda mill-Knisja Filjali ta' San Pawl Appostlu fil-Wied ta' B'Kara matul medda ta' aktar minn 400 sena.
D 70 p. 121

3 Titlu: *20 Sena Ilu.*

Tema: Tifkiriet tal-festi sbieħ li saru meta l-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar kienet inkorunata. Il-ktieb fih ukoll tagħrif interessanti dwar fatti u ġrajjiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istorja tal-parroċċa in ġenerali u mas-santwarju in partikolari.
D 71 p. 121

4 Titlu: *Il-Parroċċa tal-Portu Salvu u San Duminku.*
Tema: Storja tal-parroċċa tal-Portu Salvu u San Duminku u ġrajjiet ewlenin li laqtu l-knisja u l-ħajja tal-Patrijiet Dumnikani u l-parruċċani. L-awtur saħħaħ kitbietu billi ġab bil-Malti l-aqwa dokumenti.
D 71 p. 121-122

5 Titlu: *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien.*
Tema L-iżvilupp arkitettoniku tal-knisja bi studju komparat bejn il-forma u l-istil tal-bini tal-knisja li sar minn żmien għall-ieħor. Il-ktieb isemmi l-ġrajjiet ewlenin Ii għaddew minn fuq ir-raħal sa minn żmien in-Neolitiku u l-patrimonju artistiku li jinsab fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien.
M 74 p. 26

---------------------------------------------------------------------------------------------------

G. C.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Il-Ħidma Letterarja ta' Ninu Cremona.*
Tema: Bijografija ta' Ninu Cremona, biblijografija ta' xogħlijietu, u apprezzament tal-kitbiet lingwistiċi u letterarji tiegħu, bil-Malti, bl-Ingliż, u bit-Taljan.
M 74 p. 31-32

2 Titlu: *Is-Salib tal-Ġiżirana.*
Tema: Rumanz b'deskrizzjonijiet sbieħ u kuntrast ta' persunaġġi. Il-kuntrast jidher ukoll mill-kwiet għall-ġenn u mill-ġabra għall-ġiri. Tispikka l-laqgħa ta' l-iben ma' l-omm li wara l-imrar u t-taqtigħ il-qalb, issaltan l-imħabba u l-paċi fir-ruħ.
S 74 p. 92

G. G.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Dawl Fid-Dlam.*
Tema: Ktieb ta' poeżiji fejn tidher l-imħabba għall-Akkademja tal-Malti u l-Kelma Maltija, it-tifkiriet għeżież tal-familja u tal-ħbieb, it-tgħaxxiq bis-seħer tal-ħolqien, il-ferħ, il-hena, u l-paċi fost il-bnedmin.
S 76 p. 95

---------------------------------------------------------------------------------------------------

GALEA CURMI, P.

**TRADUZZJONIJIET**

1 Titlu: "Jesu Dulcis Memoria."
Tema: Poeżija li tittratta t-tifkira ħelwa ta' Ġesù qiegħda tferraħ lill-qalb, u l-preżenza Tiegħu li għad turi glorja lill-bniedem.
O 99 p. 4

2 Titlu: "Ibqa' Int Miegħi."
Tema: Poeżija f'forma ta' talba lil Alla biex jibqa' mal-bniedem f'kull ħin ħalli jirbaħ il-mewt.

O 99 p. 29

---

GALEA, ĠUŻÈ

**ARTIKLI**

1 Titlu: "L-Ilsien Malti f'Lourdes."
Tema: L-Ilsien Malti għandu stima daqs l-ilsna barranin f'ċerimonji internazzjonali f'Lourdes.
D 76 p. 119-120

2 Titlu: "Tifkira. *The Cultivation and Familiarization of Vernacular Languages in the British Commonwealth.*"
Tema: Il-Professur Ġużè Galea jfakkar fid-dmirijiet li għandhom il-gvernijiet lejn il-ħarsien tal-lingwa u tal-letteratura ta' pajjiżhom. Huwa jipproponi pjanijiet lingwistiċi u letterarji biex b'hekk titkattar l-għaqda u l-ko-operazzjoni bejn il-pajjiżi u l-popli fi ħdan il-*Commonwealth.*
M 71 p. 7-9

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Dr Emil Kummerer."
Tema: Dr Emil Kummerer, direttur tal-fergħa orjentali tal-biblijoteka ta' l-Università ta' Tubingen fil-Ġermanja tal-Punent, għamel żjara f'Malta u kellu laqgħat mal-membri ta' l-Akkademja.
Ġ 70 p. 43

2 Titlu: "Kronaka."
Tema: Professur Monsinjur Dun Karm Sant ġie mgħolli għad-dinjità ta' Monsinjur. Kavallier A.M. Cassola ġie maħtur Kavallier tal-Mertu.
Ġ 70 p. 43

3 Titlu: *Soiree Letteraire.*
Tema: L-Akkademja ngħaqdet mal-Kumitat Ċiviku fil-Belt biex tagħti l-awspiċju tagħha għal *Soiree Letteraire* f'ġieħ l-ewwel President ta' l-Akkademja Ġużè Muscat Azzopardi.
Ġ 70 p. 56

4 Titlu: "Il-Professur Tabone."
Tema: Tagħrif dwar il-ħajja tal-membru akkademiku, il-Prof. Rev. Pawl Antonio Tabone li miet nhar it-2 ta' Mejju 1971.
M 71 p. 32

5 Titlu: "Nifirħu."
Tema: L-Avukat Anton Buttigieg membru akkademiku jinħatar bħala Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari.
Ġ 71 p. 47

6 Titlu: "Nifirħu."
Tema: Dr Anton Buttigieg u s-Sur Frans Ebejer rebħu ż-żewġ premjijiet tal-Konkors Letterarju mniedi mill-Gvern.
S 71 p. 79

7 Titlu: "Is-Sur Ninu Cremona u l-Akkademja tal-Malti."
Tema: Silta minn ittra li Ninu Cremona bagħat ftit qabel ma miet lill-President ta' l-Akkademja tal-Malti fejn b'dispjaċir jistqarr li se jkollu jinfired mix-xogħol tal-Għaqda.
M/Ġ 72 p. 21

8 Titlu: "Ninu Cremona, Ħabib Tiegħi."
Tema: Tagħrif fuq Ninu Cremona, il-ħabib ta' Ġużè Galea li flimkien kienu joħorġu, jiftħu qalbhom u jżuru lil xulxin.
M/Ġ 72 p. 8-12

9 Titlu: "Tifkira Għażiża."

Tema: Patri Valentin Barbara wassal kwadru b'rigal b'waħda mill-poeżiji ta' Rużar Briffa lill-Akkademja tal-Malti mis-Sinjura Louisette Briffa.
D 73 p. 118

**EDITORJALI**

1 Titlu: "Il-Perjodiku Tagħna."
Tema: Tagħrif dwar id-diffikultajiet finanzjarji sabiex ikompli jiġi stampat *Il-Malti*.
M 70 p. 3-4

2 Titlu: "L-Akkademja Xi Trid. Memorjal ta' l-Akkademja tal-Malti dwar il-Malti."
Tema: Memorjal li jitkellem ċar dwar kif l-Akkademja taħsibha fuq il-qagħda ta' l-Ilsien Malti fil-ħajja tal-Poplu Malti llum.
Ġ 70 p. 33-34

3 Titlu: "L-Akkademja u L-Ilsien Malti fil-Knejjes."
Tema: Tagħrif dwar it-tħabrik u x-xogħol tal-membri ta' l-Akkademja sabiex jidħol l-Ilsien Malti fil-funzjonijiet tal-Knisja.
S 70 p. 65-66

4 Titlu: "Il-Għanja tal-Milied."
Tema: Tagħrif dwar għanjiet tal-Milied bl-Ilsien Malti.
D 70 p. 97-98

5 Titlu: "Għeluq il-50 Sena."
Tema: Tagħrif dwar l-Għaqda, l-Ilsien Malti, persunaġġi u avvenimenti f'dawn il-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Akkademja tal-Malti.
M 71 p. 3-6

6 Titlu: "Il-Malti fil-Ħajja ta' Kuljum."
Tema: Tagħrif dwar il-bidu u l-ħidma tal-Għaqda, l-attivitajiet, l-edukazzjoni u l-kultura tal-poplu, u l-Ilsien Malti.
Ġ 71 p. 33-34

7 Titlu: "Okkażjoni Storika."
Tema: Sir Anthony Mamo, l-ewwel Kap Malti ta' l-Istat ta' Malta jiftaħ il-parlament u jaqra d-diskors inawgurali bil-Malti, nhar is-16 ta' Awissu 1971.
S 71 p. 65-66

8 Titlu: "Ġieħ lil Min Jistħoqqlu."
Tema: Nhar is-27 ta' Ottubru 1971 fil-librerija ta' l-Università Rjali ta' Malta nkixfet irħama biex tfakkar lil Dr Rużar Briffa u Dr Ġużè Bonnici. L-Akkademja tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti ngħaqdu biex jagħtu ġieħ lil dawn il-kittieba, promoturi u difensuri ta' l-Ilsien Malti.
D 71 p. 97-98

9 Titlu: "Għaliex Dan il-Ktieb."
Tema: Dan il-ktieb inħareġ b'tifkira għażiża ta' Ninu Cremona.
M/Ġ 72 p. 1-2

10 Titlu: "Għeluq il-50 Sena (1921-1971)."
Tema: Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Akkademja tal-Malti, il-kunsill ħa ħsieb li jagħti Lejla Mużiko-Letterarja fit-Teatru Manoel nhar il-Ħamis 23 ta' Diċembru 1971.
S 72 p. 81-82

11 Titlu: "Wara ċ-Ċinkwantinarju".
Tema: Tagħrif dwar il-bidu u l-ħidma tal-Għaqda f'dawn il-ħamsin sena, kif ukoll appell lill-membri biex permezz tal-ħidma tagħhom, it-tieni Ċinkwantinarju jkun ukoll ta' ġieħ għall-Akkademja u għall-Ilsien Malti.
D 72 p. 97-98

12 Titlu: "Il-Kittieba f'San Anton."
Tema: L-Eċċellenza Tiegħu Sir Anthony u Lady Mamo jistiednu lill-kittieba Maltin għal-laqgħa magħhom.
M 73 p. 3-4

13 Titlu: " 'L-Innu Malti' u l-Akkademja tal-Malti."

Tema: Diskors li għamel il-President ta' l-Akkademja fit-Teatru Manoel nhar it-3 ta' Frar 1973 meta saret it-tifkira ta' l-għeluq il-ħamsin sena minn meta l-"Innu Malti" ndaqq l-ewwel darba.
Ġ 73 p. 33-35

14 Titlu: "Viribus Unitis".
Tema: It-twaqqif ta' l-Akkademja u tal-Kunsill Ċentrali sabiex jgħin lill- Għaqdiet tal-Malti fil-ħidma tagħhom.
S 73 p. 65-66

15 Titlu: "Il-Kritika Letterarja."
Tema: Il-ħtieġa tal-kritika u d-dmirijiet tal-kritiku.
D73 p. 97-98

**STUDJI BIJOGRAFIĊI**

1 Titlu: *Marguerite Gautier*.
Tema: Traduzzjoni tal-ġrajja ta' Margerita, il-bniedma li dinbet bla raj u ħabbet bla qies.
M-Ġ 79 p. 30-32

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Studju Kritiku fuq *Ir-Ruħ fil-Kelma*, ta' Oliver Friggieri."
Tema: Studju dwar l-immaġni, ir-ruħ, il-qalb u l-bixra letterarja kif jitnisslu mill-personalità tal-kittieba.
S 74 p. 87-89

2 Titlu: "It-Teatru Modern."
Tema: Taħdita fuq it-Teatru bħala għajn ta' tagħlim u ta' treġija fil-ħajja tal-bniedem, jgħarraf is-sewwa u jikxef il-ħażin.
J-D 81 p. 8-15

**STUDJI STORIĊI**

1 Titlu: "Kriterju Ġdid fl-Istudju ta' l-Istorja."
Tema: Apprezzament ta' kotba fuq l-istorja ta' Malta u l-awturi tagħhom, b'mod speċjali tal-ktieb *Storja ta' Malta* tal-Professur Andrew Vella O.P.
D 75 p. 115-118

2 Titlu: "Il-Ġurnaliżmu F'Malta."
Tema: Lista ta' perjodiċi miġbura minn Anthony F. Sapienza turi li matul żewġ sekli, il-ġurnaliżmu f'Malta kien dejjem imqanqal u mnebbaħ minn avvenimenti storiċi u fatturi politiċi, soċjali, reliġjużi u kummerċjali, li għal xi żmien ippredominaw f'din il-Gżira.
Ġ-D 77 p. 42-44

---

GALEA, PATRI PAWL

**STUDJI SOĊJALI**

1 Titlu: "Min Hu l-Fqir fil-Fehmiet tal-Griegi, tar-Rumani, u ta' San Tumas ta' Akwinu."
Tema: Il-fqir fil-fehmiet tal-Griegi, tar-Rumani, u ta' San Tumas ta' Akwinu, b'referenza għat-tifsiriet ta' filosfi u għorrief fil-kitbiet tagħhom.
M 74 p. 18-21 M 75 p. 21-24

---

GALEA SCANNURA, CHARLES

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Ġieħ lil Tliet Membri ta' l-Akkademja."
Tema: L-Akkademja tal-Malti organizzat lejla letterarja biex tagħti ġieħ lil Ġorġ Pisani, Ġanni A. Cilia u Ġorġ Zammit.
Sena 89 p. 9-13

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Nekroloġija: Rev. Alfred Michael Previ".
Tema: Tagħrif dwar il-ħajja u x-xogħlijiet tar-Rev. Alfred Previ li miet fid-29 ta' April 1987.
Sena 87 p. 46

2 Titlu: "Nekroloġija: Ġużè Cardona."
Tema: Tagħrif dwar il-ħajja ta' Ġużè Cardona li miet fil-15 ta' Frar 1988.
Sena 89 p. 55-56

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Il-Mara fir-Rumanz *San Ġwann*."
Tema: Il-Mara fir-Rumanz *San Ġwann* hi tajba jew ħażina, iddominata aktar mill-qalb milli mir-raġuni, b'riżultat ta' ġlieda bejn l-imħabba u l-mibegħda. Il-mara t-tajba hi s-suġġett għat-tbatija, is-sabar u t-tama sakemm fl-aħħar is-sewwa jirbaħ.
1/2 85 p. 3-8

---------------------------------------------------------------------------------------------------

GATT, ROSANNE

**ESEJS**

1 Titlu: "L-Ideal ta' Ħajti."
Tema: L-ideal tal-ħajja għandu jkun dinja ġdida ta' mħabba u paċi.
D 76 p. 117-118

---------------------------------------------------------------------------------------------------

GHIGO, J.M. S.J.

**ARTIKLI**

1 Titlu: *Żieda mat-Tagħrif (1924-84).*
Tema: Aġġornament tat-*Tagħrif* skond iż-żminijiet bil-kliem ġdid li daħal fi lsienna.
Sena 87 p. (i-viii)

2 Titlu: "Il-Konkors Dun Karm."
Tema: Fil-konkors Dun Karm inħass nuqqas ta' livell għoli li jista' jkun qed jirrifletti l-livell ta' edukazzjoni fil-preżent. Minkejja l-premjijiet xierqa mwiegħda, ħadu sehem għaxar konkorrenti biss.
Sena 87 p. 19

3 Titlu: "Diskussjoni dwar Il-Malti."
Tema: Diskussjonijiet u proposti mill-Akkademja tal-Malti ma' l-awtoritajiet governattivi biex jissaħħu l-ħarsien u t-tagħlim xieraq ta' l-Ilsien Nazzjonali.

Sena 87 p. 20-22

4 Titlu: "Mill-Parlament."
Tema: L-Onor. Jimmy Farrugia staqsa dwar sussidji u *sponsors* għal xogħlijiet fuq il-Lingwa Maltija. Il-Prim Ministru l-Onor. Dott. Eddie Fenech Adami wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet.
Sena 87 p. 22-23

5 Titlu: "Poeżija ta' Vassallo mogħtija bħala ta' Anastasju Cuschieri."
Tema: Il-poeżija "Jekk lil Tmiemek Trid Tagħti Ftit Serħ…" hija traduzzjoni li kien għamel Karmenu Vassallo tal-poeżija bit-Taljan "La Croce" ta' P.P. Parzanese.
Sena 88 p. 19-20

6 Titlu: "Mid-Djarju ta' l-Akkademja."
Tema: Attivitajiet li ġew organizzati jew għad iridu jseħħu.
Sena 89 p. 4-8 Sena 90 p. 3-5 Sena 91 p. 4-6

7 Titlu: "L-Ilsien Malti fil-Lapidi."
Tema: Membru mill-Akkademja tal-Malti jinħatar fil-kumitat tal-lapidi.
Żbalji ortografiċi fuq il-lapida tas-Suq il-Ġdid.
S 90 p. 7-8

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Pellegrinaġġ….Kulturali!"
Tema: Karmen Micallef Buhagiar tiġi kull sena minn Londra biex tfakkar lil Dun Karm u kittieba oħra.
3/4 86 p. 3-4

2 Titlu: "Kif Fakkru lil Dun Karm."
Tema: Attivitajiet ewlenin li saru f'ġieħ Dun Karm f'għeluq il-25 sena minn mewtu.
3/4 86 p. 117-124

3 Titlu: "Francis Ebejer."
Tema: L-Università ta' Avignon fi Franza tagħti ġieħ lid-drammaturgu Malti bil-midalja tal-Belt.
Sena 87 p. 43

**EDITORJALI**

1 Titlu: "Mill-Editur il-Ġdid."
Tema: Ħajr lill-Patri A.M. Previ l-editur ta' l-aħħar sentejn li bil-għajnuna tiegħu u tal-membri l-oħra fil-Bord editorjali u fil-Kunsill, l-editur se jmexxi 'l quddiem *Il-Malti*. Din hi ħarġa speċjali ta' *Il-Malti* ddedikata lil Anton Buttigieg.
1/2 86 p. 1-3

2 Titlu: "Lil Dun Karm Jixraqlu Tassew."
Tema: It-tielet u r-raba' ktieb 1986 tar-rivista *Il-Malti* hu ddedikat lil Dun Karm Psaila b'tifkira tal-25 sena minn mewtu.
3/4 86 p. 1-3

3 Titlu: "Speċjali u Mhux."
Tema: Matul is-sena l-oħra r-rivista *Il-Malti* ħarġet darbtejn b'numru speċjali fejn fakkret lill-poeti Anton Buttigieg u Dun Karm Psaila. Din is-sena ma hix mistennija tkun speċjali minkejja li mietu Karmenu Vassallo u Patri Alfred Previ żewġ kittieba li taw kontribut lil din ir-rivista. Għalkemm dan in-numru hu ordinarju l-Akkademja qed tippreżenta materjal mill-aħjar.
Sena 87 p. 1-2

4 Titlu: "Tislima lil Karmenu Vassallo."
Tema: Numru speċjali tar-rivista *Il-Malti* f'ġieħ Karmenu Vassallo.
Sena 88 p. 1-2

5 Titlu: "Fejn Aħna?"
Tema: Provi li xi ċittadini ma jgħożżux tassew l-Ilsien Nazzjonali. Kull ċittadin hu mistenni li jissieħeb fl-ideal ta' tisħiħ tal-qagħda ta' l-lsien Malti.
Sena 89 p. 1-2

6 Titlu: "Ħarsa Lura u Oħra 'l Quddiem!"

Tema: Ħarsa lejn is-sebgħin sena mit-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u x-xogħol imħejji għall-futur tagħha.
Sena 90 p. 1-3

7 Titlu: "Jedd l-Ilsien Malti - Għażliet għall-Ġejjieni."
Tema: Il-Maltin għandhom il-jedd naturali għall-Ilsien Malti kif ukoll id-dmir li jħarsuh. Il-problemi ta' l-imgħoddi huma l-problemi tal-lum fejn il-Malti bil-fatti għadu mhux magħruf daqskemm jixraqlu u jistħoqqlu.
Sena 91 p. 1-3.

8 Titlu: "Aġġornament tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924)."
Tema: L-aġġornament ta' xi regoli mit-*Tagħrif* u x-xandir tar-rapport finali, kif ukoll referenza għan-nota "Biex il-Futur Reġa Beda" miktuba minn Ugo Mifsud Bonnici.
O 92 p. 3-4 O 92 p. 15-20

9 Titlu: "Naqilbu l-Folja lejn Akkademja Tal-Malti Stil 2000."
Tema: It-taqlib li għaddejja minnu l-Akkademja, nies magħżula mill-Kunsill biex iħabirku favur l-Ilsien Malti, l-għedewwa ta' lsienna, il-faqar li sab il-Kunsill il-ġdid, u l-proġetti u l-għanijiet għall-futur ta' l-Għaqda. L-edizzjoni ta' *Il-Malti* 1993 hi xhieda tar-rieda ta' dan il-Kunsill.
M 93 p. (i-iv)

**ESEJS**

1 Titlu: "Is-Seħer ta' Ġerusalemm."
Tema: Iż-żjajjar, il-ħajja u s-seħer ta' Ġerusalemm fejn miet u rxoxta Kristu.
3/4 85 p. 61-64

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Apollo 12.*
Tema: Damma ta' poeżiji li tfakkar l-inżul ta' l-ewwel bnedmin fuq il-qamar.
Ġ 70 p. 59-60

2 Titlu: *Nistaqsi.*
Tema: Ġabra ta' tmienja u tletin poeżija bi stil modern li xi wħud minnhom ġew immużikati għal *Good News Singers* u saru popolari maż-żgħażagħ.
Ġ 70 p. 61

3 Titlu: "Ġużè Cassar Pullicino, *Dun Karm: Tagħrif Ġdid u Noti Kritiċi.*"
Tema: Tagħrif ġdid fuq Dun Karm u noti kritiċi bi skop li jgħin lill-istudenti u li titgawda mill-poplu kollu.
3/4 86 p. 125-126

---

GULIA, WALLACE PH.

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Aqra u Ifhem."
Tema: Kulħadd għandu jagħmel ħiltu biex jikteb u jitkellem Malti sewwa. Il-medja fid-dmir li xxandar u tippublika Malti tajjeb.
M 74 p. 24

2 Titlu: "Seminar Aġġornat tal-Malti: Taħdita tal-Ftuħ tas-Seminar."
Tema: Il-President ta' l-Akkademja tal-Malti l-Onor. Imħallef Ph. Gulia fisser ix-xogħol ta' l-Akkademja biex waslet għaż-*Żieda mat-Tagħrif.*
J-Ġ 84 p. 5-8

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Il-Professur Ġużè Galea."

Tema: L-Akkademja tal-Malti tagħti ħajr lill-Professur Ġużè Galea għax-xogħol kbir u siewi li għamel fl-interess tagħha.
M 74 p. 35

2 Titlu: "Dun Karm f'San Ġiljan."
Tema: Diskors dwar ħajjet Dun Karm qabel ma nkixfet l-irħama fuq il-faċċata tad-dar tal-villeġġatura tiegħu f'San Ġiljan nhar it-13 t'Ottubru 1976.
D 76 p. 121-124

3 Titlu: "Daħla."
Tema: Apprezzament lejn ix-xogħlijiet u l-ħajja ta' Ġużè Galea, il-bniedem li mexxa l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għal tnejn u tletin sena sħaħ b'għaqal, dekor, u dinjità.
J-D 81 p. 1-2

4 Titlu: "Nota dwar il-Poeżija ta' Dun Karm."
Tema: Dun Karm huwa mwieled poeta li għalkemm jintemm, l-għanja tiegħu tibqa' għal dejjem.
3/4 86 p. 53-58

**EDITORJALI**

1 Titlu: "L-Eżami tar-Reliġjon."
Tema: L-eżami tar-Reliġjon f'Malta għandu tifsira għalih innifsu.
M 74 p. 3-4

**NOVELLI**

1 Titlu: "Ix-Xbiha (L-Ikona) li tħabbat."
Tema: Il-ġrajja ta' l-Ikona li tħabbat kexkxet lis-sid tant li ħeles mix-xbiha.
Ġ 75 p. 35-39

2 Titlu: "Kollox mill-Aqwa u mill-Aħjar."
Tema: Kulħadd irid l-aħjar u l-aqwa iżda mhux kulħadd lest li jħallas għal dan.
S-D 79 p. 13-15

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Cancer and Heart Infarction."
Tema: Xogħol it-tobba u x-xjenzjati ma sewiex għax din il-marda tal-kankru qed teqred lill-poplu.
Ġ 75 p. 35

2 Titlu: "Beatnics."
Tema: Żgħożija bla sens la twassal għall-irġulija u lanqas għall-ġejjieni sabiħ.
S 70 p. 73-74

3 Titlu: "Ta' Min Kultant Jiftakar."
Tema: Tifkiriet tal-ħelsien mill-mewt waqt attakk fil-gwerra, iċ-ċaħda taż-żgħożija, u r-ringrazzjament lil Alla ta' l-għomor.
M 71 p. 9-10

4 Titlu: "Meta Qalil Nintlaqat."
Tema: Id-dnub ta' l-umanità.
S 71 p. 83

5 Titlu: "Lil Ommi Mejta."
Tema: Il-poeta jintebaħ bin-nuqqas ta' ommu mhux eżatt ma' mewtha iżda meta ma rahiex u staqsa għaliha.
D 71 p. 114

6 Titlu: "Tifkiriet Biss!"
Tema: Il-mumenti prezzjużi tal-ħajja jaħarbu bħal riħ qawwi u jibqa' biss it-tifkiriet.
S 72 p. 82

7 Titlu: "Ħajtek Żagħżugħ."
Tema: Żagħżugħ, la taħlix ħajtek.
M 73 p. 4

8 Titlu: "Il-Bniedem u r-ruħ."

Tema: Alla li ħaseb għall-ħażna tal-weraq se jaħseb għall-ħażna tal-bniedem li għandu l-ħsieb u r-ruħ. Biżżejjed għall-bniedem li jaħseb f'għemilu.
Ġ 73 p. 36

9 Titlu: "It-Tislima."
Tema: F'dinja ta' għawġ tislima mill-qalb hija bħall-ward sabiħ li jiftaħ f'Mejju.
D 73 p. 98

10 Titlu: "Il-Kobor ta' Alla."
Tema: Mulej, Int Sabiħ u Kbir anke fil-ħlejjaq ċkejknin, u għax Inti Kbir taħfrilna.
M 74 p. 35

11 Titlu: "L-Għasfur fil-Bitħa tal-Palazz."
Tema: L-Għanja ta' l-għasfur treġġa' lura ż-żgħożija.
M 75 p. 4-5

12 Titlu: "Il-Jylland."
Tema: Ix-xiħ mormi kellu s-suċċessi tiegħu fl-imgħoddi.
Ġ 76 p. 35.

13 Titlu: "Lilek Ranċiża."
Tema: Ir-ranċiża hija l-fjura tal-Maltin.
M 77 p. 19

14 Titlu: "It-Vlll Għaġeb tad-Dinja."
Tema: Il-Belt Valletta sabiħa daqs il-bini storiku fl-ibliet barranin.
M-Ġ 79 p. 24

15 Titlu: "Brugges."
Tema: Il-ġmiel ta' Brugges u l-ħidma tal-belt.
J-D p. 34

16 Titlu: "Karozza (Van) u Jisimha *Moonlight*."
Tema: Il-bniedem mingħajr poeżija jeħtieġ it-talb biex jerġa' jsib l-armonija.
J-D 80 p. 36

---

G. Ż. A.

**STUDJI LETTERARJI.**

1 Titlu: *L-Ilma tal-Wied.*
Tema: Damma ta' sebgħin poeżija b'xeni sbieħ u mużikalità tal-vers li jġiegħlu lill-qarrej jitħasseb fuq ħajtu għax ikun ġarrab l-istess tqanqil, għadda mill-istess avventuri, u lemaħ l-istess tixbihat figurattivi jlellxu fi ġmielhom.
S 73 p. 91-92

2 Titlu: *Meta Nimraħ.*
Tema: Sensiela kronoloġika ta' poeżiji li turi kif żviluppat is-sengħa tal-kitba poetika fl-awtur, isservi bħala kumment personali dwar iż-żminijiet u l-ġrajjiet li fihom kien qed jgħix. Il-ġrajjiet huma ta' interess soċjali, politiku u reliġjuż, sew fil-qasam nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali li fih kellha x'taqsam Malta. Ma' dawn il-ġrajjiet hemm ukoll dawk li kienu jolqtu lilu fil-ħajja interna jew familjari.
M 74 p. 25

3 Titlu: *Stejjer Minn Tarf ir-Raħal.*
Tema: Ktejjeb ta' stejjer qosra u sempliċi b'sens profond tal-ħajja nisranija kif jgħixuha n-nies ta' l-irħula Maltin.
M 77 p. 29-30

---

HARDING, WM. D.

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Dwar Ninu Cremona."
Tema: Tifkiriet ħelwin u nostalġiċi ta' Ninu Cremona bħala bniedem edukat u xejn kburi, ġwejjed u nisrani tajjeb.
M/Ġ 72 p. 18

---

ILARIO

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Rebbiegħa.*
Tema: Antoloġija ta' proża u poeżija biex jitfakkar għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Għaqda Letterarja. Il-membri taw xogħlijiet b'xejriet differenti bħal kitbiet sempliċi, biża', tama, pessimiżmu, umoriżmu, fantasija, astratt u realtà fost l-oħrajn.
Ġ 73 p. 56

---

J. F. P.

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Il-Premju Letterarju u s-Sussidji."
Tema: Il-Gvern iħabbar l-għoti tal-premju letterarju u jistieden lill-awturi ta' kotba bil-Malti japplikaw għal sussidju.
Sena 90 p. 6-7

---

J. S.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Iljieli Bla Qamar.*
Tema: Il-kunċett tal-biża' minn aspetti differenti bħall-mewt, spirti, vampiri, laqgħat mal-mejtin bil-lejl u ċarċir ta' demm fost l-oħrajn.
M 75 p. 32

2 Titlu: *Il-Feddej.*
Tema: Il-Vanġelu miktub f'forma ta' rumanz b'Ġesù Kristu bħala l-protagonist.
Sena 91 p. 44

---

J. Z. C.

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Kif Fakkru lil Dun Karm."
Tema: Attivitajiet ewlenin li saru f'ġieħ Dun Karm f'għeluq il-25 sena minn mewtu.
3/4 86 p. 117-124

---

K. M.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Bl-Irġulija u Bl-Onestà.*
Tema: Volum li fih żewġ drammi u ħames novelli. Id-drammi "Bl-Irġulija u Bl-Onestà" u "Il-Bomba" jittrattaw il-ħżunija u t-tama rispettivament. Fin-novelli Kilin joħloq storja biex juri kif jaħsibha hu fuq ċerti suġġetti. Il-kitba tiegħu hi sempliċi, ċara, mexxejja, bi djalogu ħafif.
Ġ 75 p. 62-64

**STUDJI RELIĠJUŻI**

1 Titlu: "Żgħażagħ u Xjuħ f'Tagħlim San Tumas ta' Akwinu. Għana u Faqar f'Tagħlim San Tumas ta' Akwinu. Xandir il-Kelma ta' Alla f'Tagħlim San Tumas ta' Akwinu."
Tema: Iż-żgħażagħ, ix-xjuħ, l-għana, il-faqar, u x-xandir tal-Kelma ta' Alla f'tagħlim San Tumas ta' Akwinu.
Ġ 75 p. 64

---

KILIN

**ESEJS**

1 Titlu: "Il-Gallozz."
Tema: Il-kruha tal-qerda tat-tjur permezz tal-kaċċa.
D 72 p. 105-106

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Freesia."
Tema: In-nota si bemoll hi nota ħelwa.
D 72 p. 37

**STUDJI FOLKLORISTIĊI**

1 Titlu: "Pizzi Pizzi Kanna."
Tema: Il-logħba folkloristika "Pizzi Pizzi Kanna" ħallewhielna l-Ispanjoli, jew ħaduha huma, bħalna, minn fuq l-Għarab?
D 76 p. 111-112

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Ġabra ta' Ħrejjef.*
Tema: Ħrejjef miktuba bħala taqbil miġbura matul ħajja ta' qari ta' letteratura dinjija. Dawn il-ħrejjef fihom umoriżmu, ħlewwa, mużika, nostalġija ta' l-hena u tat-tfulija bi kliem li qajla għadna nisimgħuh mitħaddet. Dan hu ktieb li jserraħ il-qalb.
Ġ 73 p. 58-59

**TRADUZZJONIJIET**

1 Titlu: "Himno Nacional De Malta."
Tema: L-"Innu Malti" ta' Dun Karm maqlub għall-Ispanjol.
Sena 90 p. 8

---

M.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: " '*L-Aħwa Adonis*.' Rumanz ta' A. Massa."
Tema: Rumanz fejn il-karattri għandhom l-individwalità tagħhom, jieħdu sura u ħajja, filwaqt li juru t-triq li wieħed għandu jaqbad biex jgħix ħieni u jiskarta t-tfixkil li jista' jwasslu sax-xifer tad-disprament.
D 75 p. 122-123

---

M. A.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Driegħ ma' Driegħ.*
Tema: Ġabra ta' xogħlijiet poetiċi tradizzjonali b'temi reliġjużi, familjari, filosofiċi, patrijottiċi, esperjenzi mgħoddija u ambjent ġdid. Din l-antoloġija miġbura minn sitt poeti Maltin imsefrin fl-Awstralja hija xhieda ta' l-imħabba għal pajjiżhom, għal ħbiebhom, u għal dawk li ħadmu għal Malta u għall-Ilsien Malti. Insibu wkoll traduzzjoni tal-ktieb *The Prophet* ta' Kahlil Gibran.
S 72 p. 96

2 Titlu: *Għajn ix-Xemx.*
Tema: Marda ġenetika f'moħħ il-bniedem setgħet kienet ir-raġuni ta' bidla għall-agħar li ntemmet bil-mewt.
D 72 p. 121

3 Titlu: *Orizzonte Senza Fine – Antologia di Poeti Maltesi – Versione Poetiche di Vincenzo Pellegrini.*
Tema: Antoloġija ta' poeżiji Maltin maqluba għat-Taljan bil-għan li l-barranin iduqu l-frott tal-poeti tagħna u b'hekk isir magħruf u jkun apprezzat ilsienna.
S 75 p. 96

---

M. B.

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Il-Kaxxa taz-Ziju.*
Tema: Rakkont avventuruż, li l-protagonisti kellhom ikunu rġiel flok tfal, l-interess kien jibqa' xorta u l-istorja kienet tkun aktar qrib ir-realtà. Il-ktieb fih ħafna kliem Ingliż b'sura u b'ortografija Maltija u b'vokabularju li jistona għat-tfal.
D 74 p. 125

2 Titlu: *Twemmini.*
Tema: Poeżija mexxejja, emottiva u sinċiera li tesprimi l-imħabba lejn il-kawża tal-ħaddiema, lejn dawk li twieldu b'ġilda sewda, lejn il-familja u lejn in-natura.
D 74 p. 126-127

---

MAHONEY, RAY

**RUMANZI**

1 Titlu: " 'Wara l-Bwieb tal-Ħġieġ' - Silta mir-Rumanz mhux ippubblikat."
Tema: L-iben li ħabb lil ommu stħajjilha, xtaqha u raha fil-mara tal-ħolma tiegħu.
S 97 p. 9-11

----------------------------------------------------------------------------------------------------

MALLIA, HUGH A.

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Karmenu Vassallo u l-Ħajja Reliġjuża."
Tema: Għalkemm ħalla l-vokazzjoni biex isir saċerdot u reliġjuż, Karmenu Vassallo baqa' jżomm f'qalbu rispett kbir lejn din is-sejħa. Huwa kien raġel kbir u għani f'ruħu.
Sena 88 p. 32-33

2 Titlu: "Karmenu Vassallo u Patri Anastasju Cuschieri, O. Carm."
Tema: Żewġ poeżiji ta' Karmenu Vassallo stampati bħala ta' Anastasju Cuschieri.
Sena 90 p. 42-44

----------------------------------------------------------------------------------------------------

MAMO, SIR ANTHONY J.

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Diskors ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Ġenerali."
Tema: Kelmtejn ta' apprezzament għax-xogħlijiet ta' Karmenu Vassallo u Anton Buttigieg qabel ġew ippreżentati bil-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi.
S 72 p. 85-88

----------------------------------------------------------------------------------------------------

MANGION, F.X.

**NOVELLI**

1 Titlu: "Konza ta' mgħallem Indri."
Tema: L-istorja kollha għawġ u sofferenzi tat-twajba u għaqlija Konza.
S 74 p. 77-79

2 Titlu: "Stella."
Tema: Il-ħajja ta' sabar u ta' għaqal tas-siekta u miskina Stella.
M 75 p. 8-13

3 Titlu: "Karmen ta' Bondi."
Tema: Il-ħajja ħienja ta' Karmen u Mario ġewwa Povungnituk wieħed mir-rħula Eskimiżi.
D 75 p. 100-106

4 Titlu: "Ċensu s-Sagristan."
Tema: Il-ħajja tajba ta' Ċensu s-sagristan raġel bieżel u ferrieħ.
D 74 p. 112-115

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Iżmerija."
Tema: Il-Kristjaniżmu jirbaħ fuq l-Islam.
D 71 p. 99-109

2 Titlu: "Minn Qiegħ l-Għammieq."
Tema: Il-bniedem jistqarr ħtijietu u jitlob lil Alla jgħinu.
Ġ 74 p. 36-37

3 Titlu: "Il-Leġġenda ta' San Kurradu."
Tema: Il-ħajja u l-leġġenda ta' l-eremita San Kurradu u l-bini tal-knisja mill-Mostin.
S 75 p. 81-85

---------------------------------------------------------------------------------------------------

MANGION, JOE

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Ludovik Mifsud Tommasi."
Tema: Il-poeta hu f'rapport dirett mat-tradizzjoni tal-poplu fil-poeżija, u l-messaġġier tal-muża fis-sunett.
J-D 80 p. 23-27

MANGION, STANLEY

**STEJJER**

1 Titlu: "Jum ta' Rożi."
Tema: Rakkont dwar kif Rożi tqatta' l-jum tagħha. Filgħodu timla l-qolol ta' l-ilma, f'nofsinhar tiekol u mbagħad tistrieħ. Malli tqum tmur ir-razzett tisqi l-bhejjem, tħejji l-għalf, u taħdem ir-raba'. Id-daqq ta' l-Ave Marija kien ifisser ritorn lejn id-dar. Waqt il-ħidma tagħha hija kienet tgħanni l-għana li wirtet minn għand ommha u missierha.
Ġ 71 p. 46-47

---------------------------------------------------------------------------------------------------

MARSHALL, ALBERT

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Imramma."
Tema: Lejl skunċertanti mżewwaq b'ħolma ħelwa.
Ġ 96 p. 12

2 Titlu: "Femminista."
Tema: Il-femminiżmu huwa metafora li jinkludi l-omm, il-mara, u l-bint.
S 97 p. 11

3 Titlu: "Vudu."
Tema: Il-bniedem ġie misħut għax tilef il-paċi, l-hena u s-sliem u ntrabat mal-ħażin.
S 97 p. 12

---------------------------------------------------------------------------------------------------

MASSA, ALFRED

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Dun Karm Għalija."
Tema: Dun Karm li ma beżgħax jeħodha kontra dawk li ppruvaw iżebilħu l-Ilsien Malti, jixirqulu t-titli ta' "Poeta Nazzjonali", "Poeta tal-Protesta", u "Poeta tal-Fiduċja".
3/4 86 p. 77-82

**ESEJS**

1 Titlu: "Tifkiriet ta' l-Imgħoddi."
Tema: L-aktar ritratti għall-qalb l-awtur huma dawk li jfakkruh fi tfulitu, l-isbaħ żmien fil-ħajja tal-bniedem.
Ġ 70 p. 45-47

2 Titlu: "Il-Qwiel u Ħajjitna ta' Kuljum."
Tema: Tifsiriet ta' qwiel li għandhom rabta ma' ħajjitna ta' kuljum.
S 70 p. 74-77

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Iż-Żmien Għaddej."
Tema: Iż-żmien dejjem għaddej u dejjem rebbieħ fuq il-bniedem.
S 70 p. 87

2 Titlu: "Lil John F. Kennedy."
Tema: Tifkiriet tal-karattru, tal-kwalitajiet sbieħ, u tal-mewt tal-President Amerikan John F. Kennedy.
Ġ 71 p. 44

3 Titlu: "Jum Xitwi."
Tema: Deskrizzjoni ta' jum xitwi fejn il-poeta jistħajjel il-gliegel bħal ħajja ta' bniedem mifxula kull ħin.
M 73 p. 38-42

4 Titlu: "L-Għasfur Iswed."
Tema: Ejja ntiru flimkien sabiex niksbu l-ħelsien.
Ġ 74 p. 41-42

5 Titlu: "Ħdejn il-Baħar."
Tema: Il-baħar inaddaf moħħ il-bniedem?
Ġ 74 p. 55

6 Titlu: "Għodwa Sajfija."
Tema: Sakemm l-arja mhix imniġġsa minn imħuħ morda, kollox hu sabiħ ħdejn il-baħar f'għodwa sajfija.
Ġ 74 p. 55

7 Titlu: "Milied 197."
Tema: Kuntrast bejn l-awguri għall-Milied ħieni u l-aħħar tislima qabel il-mewt.
S 74 p. 81

8 Titlu: "Ix-Xemgħa ser Tintefa."
Tema: Mulej kun Inti d-dawl li jżommni 'l bogħod mid-dnub.
D 74 p. 117

9 Titlu: "Tebut."
Tema: It-tebut iross lill-bniedem bħal ma l-ġuf ta' l-omm iross lit-tarbija.
Ġ 76 p. 43

10 Titlu: "Versi."
Tema: Filwaqt li l-bniedem jistqarr id-dgħufija tiegħu, jitlob lil Alla jgħinu biex jagħtih ftit dawl.
Ġ 76 p. 64

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Shakespeare jew Marlowe?"

Tema: Riċerki li juru xebh bejn ix-xogħlijiet ta' Shakespeare u ta' Marlowe. Dan l-istudju nissel dubji dwar jekk William Shakespeare huwiex il-veru awtur ta' ħafna mid-drammi u mill-versi li hu tant magħruf għalihom.
Ġ 73 p. 38-42 S 73 p. 68-72 D 73 p. 103-106

2 Titlu: "L-Influwenza ta' Dun Karm fil-Letteratura Maltija."
Tema: Dun Karm dejjem jitqies bħala l-poeta li jirrappreżenta l-poeżija Maltija bl-akbar dinjità u bl-ogħla impenn.
Sena 89 p. 23-27

---------------------------------------------------------------------------------------------------

MASSA, DANIEL

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Serp."
Tema: Tifkiriet tar-riskju meħud ma' serp tal-korall.
S 97 p. 13

2 Titlu: "M 42: Sajf u Riġel."
Tema: Il-gwerrier imtaqqal ifittex il-ħelsien fix-xebba tal-ġmiel.
S 97 p. 14

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Saġġ fuq *Mal-Ħmura tas-Silla* ta' Lino Spiteri."
Tema: Novelli li jagħtu sens ta' ħala jew telfa b'eċċezzjoni ta' waħda fejn is-sens tellief jinbidel f'wieħed ta' ferħ u ta' sejbien ta' jien ħieles. It-tmiem irieġi l-ħsibijiet, tixbih, simboli u struttura ta' l-awtur.
Ġ 96 p. 16-22

2 Titlu: "Saġġ fuq *Diaspora* ta' Albert Marshall."
Tema: *Diaspora* eżaminata bħala test, bi stedina, sabiex wieħed jieħu sehem attivament fil-produzzjoni ta' sensi multepliċi.
S 97 p. 21-26

---------------------------------------------------------------------------------------------------

MICALLEF, DANIEL

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Il-Versi ta' Dun Karm Għalija."
Tema: L-aqwa versi ta' Dun Karm huma miktuba bl-Ilsien Malti, ifaħħru ġmiel artna, jgħannu innijiet sagri lil ommna n-natura u s-sbuħija tal-qalb safja, bi skop li jgħallmu.
3/4 86 p. 21-24

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Is-Sur ta' Tfuliti."
Tema: Is-Sur li baqa' sabiħ iġib memorji tat-tfulija u għalhekk "iż-żmien m'hu xejn għalik u għalija''.
M 73 p. 9-10

---------------------------------------------------------------------------------------------------

MICALLEF, DOREEN

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Rifless (8)"
Tema: Mulej Ifhimni.
M 74 p. 21

2 Titlu: "Versi."
Tema: Ir-ruħ għandha tinħall tiġġerra fl-ispazji eterni. Poeżija ddedikata lil Karmen Micallef Buhagiar.
M-Ġ 79 p. 24

3 Titlu: "Dal-ġranet twal mingħajrek ….Philip."
Tema: It-tbatija għan-nuqqas u l-istennija ta' xi ħadd.
Ġ 96 p. 11

---

MIFSUD, CHARLES

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Qatra Nida."
Tema: Il-ġmiel ta' qatra nida.
Ġ 75 p. 42

2 Titlu: "Jekk Tinżel ix-Xita."
Tema: Ix-xita meħtieġa għall-ħajja.
Ġ 75 p. 56-57

3 Titlu: "Lil Dun Karm."
Tema: Kitbet Dun Karm inisslu ferħ ġol-qalb u rebħ fl-imwiet.
Ġ 75 P57

4 Titlu: "Rifless."
Tema: Il-ħajja mimlija b'ħafna ħażen u bi ftit imħabba.
Ġ 76 p. 47

5 Titlu: "Leħen il-Malti."
Tema: L-Ilsien Malti sabiħ daqs l-ilsna barranin.
D 76 p. 113-114

6 Titlu: "Gwerra."
Tema: Il-qerda, il-ħerba, u l-imwiet tal-gwerra huma frott il-kilba għas-setgħa tal-ħakma.
D 76 p. 114-116

7 Titlu: "Tnejn Flimkien."
Tema: Kristu li ħafer u l-Madalena l-maħfura spiċċaw it-tnejn flimkien fuq il-għolja tal-Kalvarju.
J-D 80 p. 44

---

MIFSUD CHIRCOP, ĠORĠ

**STUDJI FOLKLORISTIĊI**

1 Titlu: "Il-Folklor Malti u l-Folklor tal-Mediterran."

Tema: Studji ġodda, oħrajn sistematizzati u aġġornati skond l-aħħar sejbiet u fehmiet xjentifiċi dwar il-folklor Malti u l-folklor tal-Mediterran.
Ġ-D 77 p. 45-49

----------------------------------------------------------------------------------------------------

MIFSUD, FRANCIS P.

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Xewqat."
Tema: Tifħir u awguri għall-isbaħ xewqat ta' Milied ħieni lir-rumanzier Ġużè Galea, u apprezzament għax-xogħlijiet li wettaq.
D 71 p. 116

2 Titlu: "Is-Sur Nin."
Tema: Tifħir lil Ninu Cremona, is-sies li fuqu mibni l-Ilsien Malti.
M/Ġ 72 p. 48

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: "Francis Ebejer: *Id-Drammi Ta' Francis Ebejer Vol: 2.* 'Menz', 'Boulevard', 'Vaganzi tas-Sajf'."
Tema: Analiżi tat-tliet drammi u r-rabta bejniethom bħala frott ta' l-istess awtur.
S 71 p. 92-93

2 Titlu: *Għanja ta' Dgħajsa.*
Tema: Il-vjaġġ fuq dgħajsa hu l-vjaġġ tal-ħajja. Tul il-vjaġġ kollu tidher it-tama f'Ġesù li minkejja l-problemi għen lid-dgħajsa tasal fil-port għax il-poeta sab lil Kristu. L-akbar tliet elementi fil-poeżija huma l-element awtobijografiku, reliġjuż u patrijottiku.
S 71 p. 93-94

3 Titlu: *Ir-Razzett tal-Bhejjem.*
Tema: Satira pessimista b'anarkija intollerabli, qtigħ il-qalb, u rivoluzzjonijiet li jfallu fl-għanijiet tagħhom minħabba l-abbuż mill-poter. Il-politika u l-arti huma mwaħħda biex toħroġ ċara l-Ideoloġija Kommunista.
D 72 p. 121-122

4 Titlu: *Eden.*
Tema: Ġabra ta' poeżiji b'temi bħaż-żgħożija, l-imħabba, is-sabiħ, u l-Milied. Bħal Anton Buttigieg, Trevor Zahra nnamra mas-sbuħija tal-ħolqien.
M 73 p. 31-32

5 Titlu: *L-Epopea ta' Ġensna.*
Tema: Epika dwar l-istorja ta' gżiritna mill-preistorja sa l-għoti ta' l-Indipendenza li għandha lil Malta bħala nazzjon u n-nies tagħha bħala eroina.
Ġ 73 p. 63-64

----------------------------------------------------------------------------------------------------

MIFSUD, FRANZ

**BIBLIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Biblijografija tax-Xogħlijiet ta' Ġużè Galea."
Tema: Biblijografija ta' xogħlijiet Ġużè Galea turi kitbiet b'ġeneri varji.
J-D 81 p. 55-61

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Intervista ma' Ġużè Galea fl-1971."

Tema: Il-ħajra għall-kitba bl-Ilsien Malti u tagħrif dwar xi kotba ta' Ġużè Galea.
J-D 81 p. 4-7

---

MIFSUD, ĠORĠ

**BIBLJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Il-Priedki ta' Dun Xand Cortis."
Tema: Lista ta' manuskritti li fihom għamla ta' xi kontribut oriġinali minn naħa ta' Dun Xand Cortis u tabella kronoloġika li turi l-priedki li kiteb u għallem. Dun Xand Cortis kien bniedem imfittex u maħbub ħafna.
M 93 p. 12-19

---

MIFSUD, MANWEL

**STUDJI LINGWISTIĊI**

1 Titlu: *Ir-Regoli tal-Kitba tal-Malti.*
Tema: Ħsibijiet ewlenin dwar l-ortografija, il-funzjoni, u n-natura tagħha.
O 99 p. 15-21

---

MIFSUD, PAWLU

**ESEJS**

1 Titlu: "Meta Nikteb Poeżija."
Tema: L-awtur ifisser xi jħoss u x'jagħmel meta jiġi biex jikteb poeżija.
Ġ 74 p. 50-51

**INNIJIET**

1 Titlu: " *Quis Ut Deus?* Innu lil San Mikiel Arkanġlu ta' Dun Karm."
Tema: Innu ta' tifħir lill-Arkanġlu San Mikiel bi ġrajja ftit u xejn kurjuża.
3/4 86 p. 83-86

**NOVELLI**

1 Titlu: "Ir-Reġina tar-Raħal."
Tema: Il-bniedem li jmaqdrek, jiltaqa' miegħek u f'wiċċek jifraħ bik u jitbissimlek.
D70 p. 104-106

2 Titlu: "Meta Tiġi bid-Dgħajsa."
Tema: Il-praspura tas-Sur Ċensin.
S 73 p. 73-79

3 Titlu: "Bertoldu, Ġaħan u l-Bqija."
Tema: Il-Bambin jilqa' lill-bniedem vittma tad-droga fl-eternità f'Jum il-Milied.
J-D 80 p. 28-34

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Ejja Rebbiegħa Ejja April."
Tema: Ix-xewqa għar-rebbiegħa u s-sbuħija tagħha f'kuntrast mat-tbegħid mix-xitwa u l-kruha tagħha.
M 70 p. 30

2 Titlu: "Xenqiet il-Qalb."
Tema: Xenqiet il-qalb huma ħala ta' żmien.
D 72 p. 104

3 Titlu: "Id-Daħk."
Tema: L-aħjar huwa dak il-bniedem li jidħak f'waqtu.
D 72 p. 112

4 Titlu: "Meta Twelidt."
Tema: Il-biki bla dnewwa ta' tarbija f'kuntrast mas-silenzju ta' l-adult mifni bl-imrar.
S 74 p. 86

5 Titlu: "Il-Għażla."
Tema: L-imħabba u l-ħelsien qatt ma għexu t-tnejn flimkien.
Ġ 73 p. 53

6 Titlu: "Il-Lejl tal-Milied."
Tema: Il-Milied għandu jkun il-bidu ta' ħajja isbaħ fejn isaltnu l-ferħ, is-sliem u l-imħabba.
D 73 p. 116

7 Titlu: "Illum il-Poeżija."
Tema: Il-poeżija hija mistħajla bħala tfajla moderna ħelwa. Għad fadal bnedmin nodfa u għaqlin li jafu jduqu u jgħarfu l-benna u t-tjubija ta' xi tkun poeżija?
Ġ 75 p. 39

8 Titlu: "La Ngħodd 14 biss."
Tema: F'dinja ta' tgerfix, erbatax-il vers biss jagħmlu sunett.
M 76 p. 7

9 Titlu: "Ħmura."
Tema: Il-ħmura ewlenija hi dik li tixgħel f'lampier tagħti qima lil Ġesù.
M 76 p. 32

10 Titlu: "Lil Ħabibi Karmenu Vassallo."
Tema: Poeżija lil Karmenu Vassallo biex jagħmel kuraġġ u ma jaqtax qalbu mid-dinja. Il-poeta tan-*Nirien* wieġeb lura b'ittra.
Sena 88 p. 34-35

**STUDJI LETTERARJI**

1 Titlu: *Għadajjar.*
Tema: Ktieb ta' poeżiji mibnija fuq il-vers ħieles b'temi spiritwali, persunali, qawwa, dieq, tama, umoriżmu, u r-relazzjonijiet ta' l-awtur ma' dawk ta' madwaru, l-aktar ma' ħutu l-Maltin, ma' Malta u ma' l-Ilsien tagħha.
M 74 p. 27-30

2 Titlu: "Carmel Calleja, *Mal-Karovana fid-Deżert* (Ġabra ta' Poeżiji)."
Tema: Ġabra ta' poeżiji moderni li tirrifletti sentimenti kbar u ħelwin fejn il-poeta jixxennaq għas-sewwa, għas-sbuħija u għall-ħelsien.
Sena 87 p. 49-50.

---

MINTOFF, DIJONISJU

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Nekroloġija: Patri Marjanu Vella O.F.M."

Tema: Tagħrif fuq il-ħajja ta' Patri Marjanu Vella li miet fit-22 ta' Frar 1988.
Sena 89 p. 59-60

---

MIZZI, ACHILLE

**ARTIKLI**

1 Titlu: "Il-Moviment Qawmien Letterarju – Tletin Sena Wara."
Tema: Ħarsa lejn il-ġrajjiet ewlenin tal-Moviment f'dawn l-aħħar tletin sena.
S 97 p. 1

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Dun Karm – Kif Narah Jien."
Tema: Dun Karm hu l-poeta koloss anke fis-sempliċità tal-poeżija tiegħu, l-għannej li nifed l-identità nazzjonali ta' pajjiżu, u għanna s-simbolu ta' Malta Maltija.
3/4 86 p. 41-42

**EDITORJALI**

1 Titlu: "Ħu f'Idejk u Aqra."
Tema: Dan il-għadd hu mħawwar b'kitba moderna u tradizzjonali frott il-ħila ta' nies li mhux biss iħobbu l-Malti iżda b'kitbiethom refgħuh mill-medjokrità li dejjem għajruh biha.
Ġ 96 p. (i-ii)

2 Titlu: "Il-Qoxra Inċiżjoni ta' Richard Saliba."
Tema: Kritika ta' l-inċiżjoni ta' l-artist Richard Saliba fuq il-qoxra ta' l-għadd ta' *Il-Malti* Settembru 97.
S 97 p. (i)

3 Titlu: "Kull Xitla Jeħtiġilha, minn Żmien għal Żmien……."
Tema: L-Akkademja tal-Malti għaddejja minn tiġdid ta' strutturi u ta' ideat. L-abbozz ta' liġi u l-istatut rivedut għandhom jiżguraw futur sabiħ.
O 98 p. (i-ii)

**POEŻIJI**

1 Titlu: "Bir."
Tema: Alla ma Jinsabx fil-katidrali jew fil-leġġendi Kristjani iżda f'bir ta' silenzju divin.
M 93 p. 1

2 Titlu: "Tixjin."
Tema: Il-mewt ixxejjen lill-bniedem.
M 93 p. 2

3 Titlu: "Arlekkin."
Tema: Għalkemm imsejken, ġifa u bla ħila, l-arlekkin jissorprendi ruħu meta jsir tal-Mulej fejn il-bluha tiegħu hi bħall-ġenn tat-tfulija eterna.
M 93 p. 3

4 Titlu: "Blanzun."
Tema: Il-bniedem imtaqqal bid-dubji f'dinja kollha għawġ joħlom li jgħanni l-ftuħ tal-blanzun fl-eternità.
S 97 p. 15

5 Titlu: "Tifsir."
Tema: Il-bniedem ifittex tifsira fil-bidliet ta' l-istaġuni, fil-bidla mil-lejl għan-nhar, u fil-fawra u l-bruda ta' l-imħabba.
S 97 p. 16

---

MIZZI, FORTUNATO

**TRADUZZJONIJIET**

1 Titlu: "F'Ras il-Klitunnu".
Tema: Traduzzjoni tal-poeżija ta' Giosuè Carducci li tittratta t-twelid tar-razza Taljana.
Sena 87 p. 39-43

---

MIZZI, LAWRENCE

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: "Karmenu Vassallo: Kellu Qalbu Akbar Minnu."
Tema: L-umanità mimlija mħabba u ħniena hi l-akbar don li ngħata Karmenu Vassallo minn Alla.
Sena 88 p. 26

**ESEJS**

1 Titlu: "Ħarifa."
Tema: Ix-xjuħija bħall-ħarifa u x-xitwa jeħtieġ tgħaddi biex tfeġġ Rebbiegħa eterna.
D 75 p. 112-113

2 Titlu: "Għad Jasal xi Darba."
Tema: Il-bniedem li tant għamel progress, għad jasal biex jirbaħ u jaħkem il-ġibdiet qerrieda?
S 76 p. 89

---

MUSCAT AZZOPARDI, ĠINO

**BIJOGRAFIJI**

1 Titlu: " Tifkiriet u Fehmiet ta' Ġino Muscat Azzopardi u Patri Ġużè Delia."
Tema: Ġużè Galea hu bniedem mill-aħjar, serju u ħaddiem.
J-D 81 p. 16-17

---

NICHOLAS BORG, MANWEL

**ĦAJKU**

1 Titlu: "L-Imħabba Ratni."
Tema: Stedina ta' mħabba.
Sena 87 p. 24

2 Titlu: "Il-Weraq Jaqgħu."
Tema: Il-weraq imutu bħall-ħajja tal-bniedem.
Sena 87 p. 24

3 Titlu: "Il-Gwerer Kollha."
Tema: Il-bniedem irid jitqabad mal-ħajja inkella jmut.
Sena 87 p. 24

4 Titlu: "Għad Ħadd ma Kejjel."
Tema: L-imħabba hi infinita.
Sena 87 p. 24

5 Titlu: "Le, Tibqax Tiġri."
Tema: Ieqaf jekk ma tafx fejn sejjer.
Sena 87 p. 24

6 Titlu: "Jekk Taqa' n-Nida."
Tema: Ma hemmx imħabba f'ħajja mdallma.
Sena 87 p. 24

7 Titlu: "Xewqat fi Ħsiebek."
Tema: Il-bniedem xewqan li jiskopri l-misteru ta' l-eżistenza.
Sena 87 p. 24

8 Titlu: "Jekk Inti Tħobbha."
Tema: L-imħabba li ma tagħtix widen hi bla ħajja.
Sena 87 p. 24

9 Titlu: "Imsawwar f'Tubu."
Tema: Tarbija msawra f'tubu tqanqal mistoqsijiet hekk bdietx ħajjitha mill-ġdid.
Sena 87 p. 24

10 Titlu: "Bħal Ħolm li Jbikki."
Tema: Il-ħsieb itir bħall-ħolm.
Sena 87 p. 24

11 Titlu: "Suġġerimenti."
Tema: L-ewwel stadju ta' l-esperiment hu s-suġġeriment.
Sena 87 p. 24

12 Titlu: "Irdietha Rdieti."
Tema: Għal min ma jarax, tnejn u wieħed huma xorta waħda.
Sena 87 p. 24

13 Titlu: "Jien Irrid Nixtri."
Tema: L-imħabba hi frott l-hena.
Sena 87 p. 24

14 Titlu: "Jekk Tkun Migduma."
Tema: Min jgħir ma jħobbx.
Sena 87 p. 24

15 Titlu: "Int Alla Wieħed."
Tema: Il-Misteru tat-Trinità.
Sena 87 p. 24

